Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri azzjonijiet biex jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' proġetti ta' interess komuni marbuta ma' networks effiċjenti, interkonnessi u multimodali u infrastruttura għal mobbiltà intelliġenti, interoperabbli, sostenibbli, inklużiva, aċċessibbli, sikura u sigura. Dawk il-proġetti se jiġu implimentati prinċipalment permezz ta' sejħiet għal proposti skont il-programmi ta' ħidma pluriennali li jikkostitwixxu d-deċiżjonijiet ta' finanzjament fis-sens tal-Artikolu 110 tar-Regolament Finanzjarju.

Din l-approprjazzjoni se tappoġġa azzjonijiet li jqisu l-impenji ta' dekarbonizzazzjoni fit-tul tal-Unjoni. L-implimentazzjoni se tkun fil-forma ta' studji, ħidmiet u miżuri ta' akkumpanjament oħra li huma meħtieġa għall-ġestjoni u għat-twettiq tas-CEF, skont il-linji gwida speċifiċi għas-settur, jiġifieri l-Linji Gwida tat-TEN-T.

L-azzjonijiet eliġibbli se jkunu marbuta mal-iżvilupp ta' networks effiċjenti, interkonnessi u multimodali fil-ferroviji, fil-passaġġi fuq l-ilma interni, fil-portijiet marittimi u fl-infrastruttura tat-toroq matul in-network ewlieni tat-TEN-T u għal konnessjonijiet transfruntiera, portijiet marittimi u portijiet interni fin-network komprensiv tat-TEN-T. Barra minn hekk se jingħata appoġġ għall-mobbiltà intelliġenti, interoperabbli, sostenibbli, multimodali, inklużiva, aċċessibbli, sikura u sigura, bħall-Awtostradi tal-Baħar, sistemi tal-applikazzjoni tat-telematika għall-modi kollha tat-trasport, teknoloġiji ġodda u innovazzjoni b'fokus speċifiku fuq infrastrutturi ta' fjuwils alternattivi, azzjonijiet biex jiġu eliminati l-ostakli għall-interoperabbiltà u azzjonijiet li jtejbu l-aċċessibbiltà u r-reżiljenza tal-infrastruttura tat-trasport.

Id-dħul assenjat riċevut jista' jwassal għal approprjazzjonijiet addizzjonali taħt din il-linja bażitarja f'konformità mal-Artikolu 22(1) tar-Regolament Finanzjarju.

KAPITOLU 02 03 — FAĊILITÀ NIKKOLLEGAW L-EWROPA (FNE) *(ikompli)*

02 03 01 *(ikompli)*

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE) 2024/1679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1153 u (UE) Nru 913/2010 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 (ĠU L, 2024/1679, 28.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1679/oj).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ

KAPITOLU 02 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2025		Bağit emendatorju Nru 3/2025		Ammont ġdid	
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
02 10	AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI							
02 10 01	***Aġenzija tal-Unjoni Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA)***	1	44 223 064	44 223 064			44 223 064	44 223 064
02 10 02	***Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA)***	1	98 823 621	98 823 621			98 823 621	98 823 621
	Riżervi (30 02 02)		*1 791 000*	*1 791 000*	*– 1 791 000*	*– 1 791 000*		
			100 614 621	100 614 621	– 1 791 000	– 1 791 000	98 823 621	98 823 621
02 10 03	***L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (ERA)***	1	29 622 042	29 622 042			29 622 042	29 622 042
02 10 04	***L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA)***	1	25 843 013	25 843 013			25 843 013	25 843 013
02 10 05	***Aġenzija għall-Appoġġ tal-BEREC (l-Uffiċċju BEREC)***	1	8 108 852	8 108 852			8 108 852	8 108 852
02 10 06	***Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER)***	1	23 068 989	23 068 989			23 068 989	23 068 989
	Kapitolu 02 10 — Total		**229 689 581**	**229 689 581**			**229 689 581**	**229 689 581**
	Riżervi (30 02 02)		***1 791 000***	***1 791 000***	***– 1 791 000***	***– 1 791 000***		
	Total inklużi r-riżervi		**231 480 581**	**231 480 581**	**– 1 791 000**	**– 1 791 000**	**229 689 581**	**229 689 581**

Kummenti

Approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex tkopri l-persunal u n-nefqa amministrattiva tal-aġenziji deċentralizzati (it-Titoli 1 u 2) u fejn applikabbli, in-nefqa operazzjonali relatata mal-programm ta' ħidma (it-Titolu 3).

It-tabelli tal-persunal tal-aġenziji huma stabbiliti fl-Anness"Persunal"ta' din it-taqsima.

L-aġenziji għandhom jinfurmaw lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi terzi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, l-ammonti mħallsa lura f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/715/oj) u kwalunkwe dħul assenjat ieħor imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji bağitarji rilevanti.

KAPITOLU 02 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI *(ikompli)*

02 10 02 Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

	Approprjazzjonijiet 2025		Bagit emendatorju Nru 3/2025		Ammont ġdid	
	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
02 10 02	98 823 621	98 823 621			98 823 621	98 823 621
Riżervi (30 02 02)	*1 791 000*	*1 791 000*	*– 1 791 000*	*– 1 791 000*		
Total	100 614 621	100 614 621	– 1 791 000	– 1 791 000	98 823 621	98 823 621

Kummenti

L-EMSA hija l-aġenzija tas-Sikurezza Marittima tal-Unjoni. Hija tinsab fil-qalba tan-network tas-sikurezza marittima tal-Unjoni u tirrikonoxxi bis-sħiħ l-importanza ta' kollaborazzjoni effettiva b'ħafna interessi differenti u, b'mod partikolari, bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u internazzjonali, l-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri u l-industrija marittima.

L-attivitajiet tal-EMSA jinkludu: l-għoti ta' assistenza teknika u xjentifika lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni kif suppost tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-sikurezza marittima, is-sigurtà, il-prevenzjoni tat-tniġġis mill-bastimenti u s-simplifikazzjoni amministrattiva tat-trasport marittimu; monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni permezz ta' żjarat u spezzjonijiet; titjib tal-kooperazzjoni mal-Istati Membri u bejniethom; il-bini tal-kapaċità tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti; l-għoti ta' assistenza operazzjonali, inkluż l-iżvilupp, il-ġestjoni u l-manteniment ta' servizzi marittimi integrati b'rabta mal-bastimenti, mal-monitoraġġ tal-bastimenti u mal-infurzar; twettiq ta' kompiti ta' tħejjija operazzjonali, detezzjoni u rispons fir-rigward tat-tniġġis ikkawżat mill-bastimenti u tniġġis tal-baħar minħabba installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass; u, fuq talba tal-Kummissjoni, l-għoti ta' assistenza teknika u operazzjonali lil pajjiżi terzi.

Kontribuzzjoni totali mill-Unjoni	99 420 199
li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus (l-Artikolu tad-dħul 6 6 2)	596 578
L-ammont imdaħħal fil-baġit	98 823 621

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	2 807 148 6 6 0 0

Bażiġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002li jistabbilixxi l-Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2002/1406/oj).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 02 — INVESTIMENTI STRATEĠIĊI EWROPEJ

KAPITOLU 02 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI *(ikompli)*

02 10 02 *(ikompli)*

Ir-Regolament (UE) Nru 911/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014dwar finanzjament pluriennali għall-azzjoni tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis tal-baħar ikkawżat minn vapuri u minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 115, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2014/911/oj).

Ir-Regolament (UE) 2023/1805 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023dwar l-użu ta' karburanti rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE (ĠU L 234, 22.9.2023, p. 48, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1805/oj).

Atti ta' referenza

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament u tal-Kunsill, ippreżentat mill-Kummissjoni fl-1 ta' Ġunju 2023, dwar l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 (COM(2023) 269 final).

Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ippreżentata mill-Kummissjoni fl-1 ta' Ġunju 2023, li temenda d-Direttiva 2009/18/KE li tistabbilixxi l-prinċipji fundamentali li jirregolaw l-investigazzjoni ta' aċċidenti fis-settur tat-trasport marittimu (COM(2023) 270 final).

Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ippreżentata mill-Kummissjoni fl-1 ta' Ġunju 2023, li temenda d-Direttiva 2009/16/KE dwar il-kontroll mill-Istat tal-port (COM(2023) 271 final).

Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ippreżentata mill-Kummissjoni fl-1 ta' Ġunju 2023, li temenda d-Direttiva 2009/21/KE dwar il-konformità mar-rekwiżiti tal-Istat tal-bandiera (COM(2023) 272 final).

Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ippreżentata mill-Kummissjoni fl-1 ta' Ġunju 2023, li temenda d-Direttiva 2005/35/KE dwar it-tniġġis ikkawżat mill-vapuri u l-introduzzjoni ta' penali, inklużi pieni kriminali, għal reati ta' tniġġis (COM(2023) 273 final).

IL-KUMMISSJONI

TITOLU 03

SUQ UNIKU

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 03 — SUQ UNIKU

TITOLU 03

SUQ UNIKU

Titolu Kapitolu	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2025		Bağit emendatorju Nru 3/2025		Ammont ġdid	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
03 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER"SUQ UNIKU"	28 458 116	28 458 116			28 458 116	28 458 116
03 02	PROGRAMM GĦAS-SUQ UNIKU	585 420 884	587 296 046	405 000	81 000	585 825 884	587 377 046
03 03	PROGRAMM TAL-UNJONI KONTRA L-FRODI	27 351 001	30 633 000			27 351 001	30 633 000
03 04	KOOPERAZZJONI FIL-QASAM TAT-TASSAZZJONI (FISCALIS)	38 900 876	30 538 313			38 900 876	30 538 313
03 05	KOOPERAZZJONI FIL-QASAM TAD-DWANA (DWANA)	198 129 000	112 361 841			198 129 000	112 361 841
03 10	AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI	153 610 426	153 610 426	– 600 000	– 600 000	153 010 426	153 010 426
	Riżervi (30 02 02)	*863 000*	*863 000*	*– 863 000*	*– 863 000*		
		154 473 426	154 473 426	– 1 463 000	– 1 463 000	153 010 426	153 010 426
03 20	PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA	20 300 000	20 289 929			20 300 000	20 289 929
	Titolu 03 — Total	**1 052 170 303**	**963 187 671**	**– 195 000**	**– 519 000**	**1 051 975 303**	**962 668 671**
	Riżervi (30 02 02)	***863 000***	***863 000***	***– 863 000***	***– 863 000***		
	Total inklużi r-riżervi	**1 053 033 303**	**964 050 671**	**– 1 058 000**	**– 1 382 000**	**1 051 975 303**	**962 668 671**

TITOLU 03

SUQ UNIKU

KAPITOLU 03 02 — PROGRAMM GĦAS-SUQ UNIKU

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2025		Bağit emendatorju Nru 3/2025		Ammont ġdid	
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
03 02	PROGRAMM GĦAS-SUQ UNIKU							
03 02 01	***Nagħmlu s-suq intern aktar effettiv***							
03 02 01 01	Operazzjoni u żvilupp tas-suq intern ta' oġġetti u servizzi	1	24 985 000	20 662 707			24 985 000	20 662 707
03 02 01 02	Għodod ta' Governanza tas-Suq Intern	1	5 720 000	5 595 788			5 720 000	5 595 788
03 02 01 03	Appoġġ għall-hidma regolatorja tat-TAXUD – Implimentazzjoni u żvilupp tas-suq intern	1	3 450 000	4 497 523			3 450 000	4 497 523
03 02 01 04	Dritt soċjetarju	1	1 060 000	956 591			1 060 000	956 591
03 02 01 05	Politika tal-kompetizzjoni għal Unjoni aktar b'saħħitha fl-era diġitali	1	22 000 000	23 000 000			22 000 000	23 000 000
03 02 01 06	Implimentazzjoni u żvilupp tas-suq intern għas-servizzi finanzjarji	1	6 010 000	5 300 000			6 010 000	5 300 000
03 02 01 07	Sorveljanza tas-suq	1	16 545 271	8 849 617			16 545 271	8 849 617
	Artikolu 03 02 01 — Sub-total		79 770 271	68 862 226			79 770 271	68 862 226
03 02 02	***Titjib tal-kompetittività tal-intrapriżi, partikolarment SMEs, u jiġu appoġġati fl-aċċess għas-swieq***	1	128 946 729	162 549 667			128 946 729	162 549 667
03 02 03	***Standardizzazzjoni Ewropea u standards internazzjonali tar-rapportar finanzjarju u tal-awditjar***							
03 02 03 01	Standardizzazzjoni Ewropea	1	24 341 000	19 199 948			24 341 000	19 199 948
03 02 03 02	Standards internazzjonali dwar ir-rapportar finanzjarju u nonfinanzjarju, u dwar l-awditjar	1	9 620 000	8 800 000			9 620 000	8 800 000
	Artikolu 03 02 03 — Sub-total		33 961 000	27 999 948			33 961 000	27 999 948

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 03 — SUQ UNIKU

KAPITOLU 03 02 — PROGRAMM GĦAS-SUQ UNIKU *(ikompli)*

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2025		Bağit emendatorju Nru 3/2025		Ammont ġdid	
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
03 02 04	***L-abilitazzjoni tas-soċjetà tal-konsumaturi u s-soċjetà ċivili u l-iżgurar ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur u ta' sikurezza tal-prodotti inkluż il-parteċipazzjoni tal-utenti finali fit-tfassil tal-politika tas-servizzi finanzjarji***							
03 02 04 01	L-iżgurar ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi u ta' sikurezza tal-prodotti	1	24 849 000	29 514 892			24 849 000	29 514 892
03 02 04 02	Il-parteċipazzjoni tal-utenti finali fit-tfassil tal-politika tas-servizzi finanzjarji	1	1 695 000	1 495 000			1 695 000	1 495 000
	Artikolu 03 02 04 — Sub-total		26 544 000	31 009 892			26 544 000	31 009 892
03 02 05	***Produzzjoni u disseminazzjoni ta' statistika ta' kwalità għolja dwar l-Ewropa***	1	75 700 000	68 000 000			75 700 000	68 000 000
03 02 06	***Kontribut għal livell għoli ta' saħħa u benessri tal-bnedmin, tal-annimali u tal-pjanti***	1	240 498 884	220 000 000	405 000	81 000	240 903 884	220 081 000
03 02 99	***Tlestija ta' programmi u ta' attivitajiet preċedenti***							
03 02 99 01	Tlestija ta' programmi preċedenti fil-qasam tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, inkluż il-Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (COSME) (qabel l-2021)	1	p.m.	1 918 324			p.m.	1 918 324
03 02 99 02	Tlestija ta' miżuri preċedenti tas-sikurezza tal-ikel u l-għalf, is-saħħa tal-annimali, il-benessri tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti (qabel l-2021)	1	p.m.	3 000 000			p.m.	3 000 000
03 02 99 03	Tlestija ta' programmi u ta' attivitajiet preċedenti fil-qasam tal-konsumaturi (qabel l-2021)	1	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
03 02 99 04	Tlestija ta' programmi preċedenti relatati mal-istandardizzazzjoni, ir-rapportar finanzjarju u s-servizzi, l-awditjar u l-istatistika (qabel l-2021)	1	p.m.	3 499 489			p.m.	3 499 489
03 02 99 05	Tlestija ta' attivitajiet preċedenti fil-qasam tas-suq intern u s-servizzi finanzjarji (qabel l-2021)	1	p.m.	456 500			p.m.	456 500
03 02 99 06	Tlestija ta' programmi preċedenti relatati mad-dritt soċjetarju (qabel l-2021)	1	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
	Artikolu 03 02 99 — Sub-total		p.m.	8 874 313			p.m.	8 874 313
	Kapitolu 03 02 — Total		**585 420 884**	**587 296 046**	**405 000**	**81 000**	**585 825 884**	**587 377 046**

KAPITOLU 03 02 — PROGRAMM GĦAS-SUQ UNIKU *(ikompli)*

Kummenti

L-approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex jikkontribwixxu għall-funzjonament tajjeb tas-suq uniku għall-oġġetti u s-servizzi, inkluż is-servizzi finanzjarji, il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-moviment liberu tal-kapital, u biex jipprovdu statistika Ewropea ta' kwalità għolja dwar il-politiki kollha tal-Unjoni, skont l-iskop tal-Programm għas-suq uniku, għall-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u għall-istatistika Ewropea ("Programm għas-Suq Uniku"). B'mod partikolari, il-programm se jappoġġa t-tfassil, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tirfed il-funzjonament tajjeb tas-suq uniku għall-oġġetti u s-servizzi, inkluż is-servizzi finanzjarji, il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-moviment liberu tal-kapital, kif ukoll il-bini ta' kapaċità, il-koordinazzjoni ta' azzjonijiet konġunti bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, u d-dimensjoni internazzjonali tas-suq intern. Se jappoġġa l-parteċipazzjoni tan-nisa u jikkontribwixxi wkoll għall-abilitazzjoni tal-atturi kollha tas-suq uniku: lin-negozji, liċ-ċittadini inkluż il-konsumaturi, lis-soċjetà ċivili u lill-awtoritajiet pubbliċi. Il-Programm għas-Suq Uniku jiġbor flimkien sitt programmi minn qabel minn oqsma ta' politika differenti, partikolarment il-parti tal-għotjiet u l-kuntratti tal-Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (COSME), programmi dwar il-protezzjoni tal-konsumatur, li jtejbu l-parteċipazzjoni tal-konsumaturi u utenti finali oħrajn fit-tfassil tal-politika tas-servizzi finanzjarji, fl-iżvilupp ta' standards internazzjonali finanzjarji, ta' awditjar u ta' rapportar korporattiv, miżuri li jikkontribwixxu għal livell għoli ta' saħħa għall-bnedmin, għall-annimali u għall-pjanti tul il-katina alimentari u f'oqsma relatati u fl-istatistika Ewropea. Barra minn hekk, il-programm jinkludi diversi linji baġitarji oħra li jikkonċernaw, partikolarment is-sorveljanza tas-suq, id-dritt soċjetarju, id-dritt kuntrattwali u extra kuntrattwali, l-istandardizzazzjoni u l-appoġġ għall-politika tal-kompetizzjoni, id-dwana u t-tassazzjoni. Il-valutazzjoni tal-impatt uriet li programm uniku wieħed se joħloq sinerġiji li jikkontribwixxu għal infiq baġitarju aktar aġli u effiċjenti.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi terzi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, u kwalunkwe dħul assenjat ieħor, imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE) 2021/690 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021li jistabbilixxi programm għas-suq intern, għall-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, għall-qasam tal-pjanti, l-annimali, l-ikel u l-għalf, u għall-istatistika Ewropea (Programm tas-Suq Uniku) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 99/2013, (UE) Nru 1287/2013, (UE) Nru 254/2014 u (UE) Nru 652/2014 (ĠU L 153, 3.5.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/690/oj).

03 02 06 Kontribut għal livell għoli ta' saħħa u benessri tal-bnedmin, tal-annimali u tal-pjanti

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2025		Baġit emendatorju Nru 3/2025		Ammont ġdid	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
240 498 884	220 000 000	405 000	81 000	240 903 884	220 081 000

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 03 — SUQ UNIKU

KAPITOLU 03 02 — PROGRAMM GĦAS-SUQ UNIKU *(ikompli)*

03 02 06 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tappoġġa miżuri li jimmiraw li jikkontribwixxu għal livell għoli ta' saħħa tal-bnedmin, tal-annimali u tal-pjanti tul il-katina alimentari u f'oqsma relatati bħal azzjonijiet fl-oqsma tal-benessri tal-annimali, il-produzzjoni u l-konsum sostenibbli tal-ikel, il-frodi alimentari, programmi ta' kontroll ikkoordinati, id-diġitalizzazzjoni, ir-reżistenza antimikrobika u l-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel.

L-azzjonijiet ta' benessri tal-annimali se jimmiraw li jappoġġaw proġetti innovattivi li jissostitwixxu, inaqqsu jew jirfinaw il-prattiki attwali li huma ta' detriment għall-benesseri tal-annimali u kif ukoll l-attivitajiet tal-ġbir tad-*data* u tat-taħriġ. Barra minn hekk, se jkun hemm inizjattivi biex jitjieb l-użu sostenibbli tal-materjali tal-imballaġġ tal-ikel u oġġetti ta' fuq il-mejda bħala mod biex tintlaħaq il-mira tal-ekonomija ċirkolari u bħala kontribut favur l-istrateġija ta' tniġġis żero.

KAPITOLU 03 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2025		Bagit emendatorju Nru 3/2025		Ammont ġdid	
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
03 10	AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI							
03 10 01	***Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA)***							
03 10 01 01	Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi — Leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi	1	74 922 574	74 922 574			74 922 574	74 922 574
03 10 01 02	Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi — Attivitajiet fil-qasam tal-leġiżlazzjoni dwar il-bijoċidi	1	7 983 158	7 983 158			7 983 158	7 983 158
	Artikolu 03 10 01 — Sub-total		82 905 732	82 905 732			82 905 732	82 905 732
03 10 02	***L-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA)***	1	20 878 830	20 878 830			20 878 830	20 878 830
03 10 03	***L-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA)***	1	14 532 732	14 532 732			14 532 732	14 532 732
	Riżervi (30 02 02)		*379 000*	*379 000*	*– 379 000*	*– 379 000*		
			14 911 732	14 911 732	– 379 000	– 379 000	14 532 732	14 532 732
03 10 04	***L-Awtorità Ewropea dwar it-Titoli u s-Swieq (ESMA)***	1	21 101 116	21 101 116			21 101 116	21 101 116
	Riżervi (30 02 02)		*484 000*	*484 000*	*– 484 000*	*– 484 000*		
			21 585 116	21 585 116	– 484 000	– 484 000	21 101 116	21 101 116
03 10 05	***Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus (AMLA)***	1	14 192 016	14 192 016	– 600 000	– 600 000	13 592 016	13 592 016
	Kapitolu 03 10 — Total		**153 610 426**	**153 610 426**	**– 600 000**	**– 600 000**	**153 010 426**	**153 010 426**
	Riżervi (30 02 02)		***863 000***	***863 000***	***– 863 000***	***– 863 000***		
	Total inkluż r-riżervi		**154 473 426**	**154 473 426**	**– 1 463 000**	**– 1 463 000**	**153 010 426**	**153 010 426**

Kummenti

L-approprjazzjonijiet taħt dan l-artikolu huma maħsuba biex ikopri l-persunal u n-nefqa amministrattiva tal-aġenziji deċentralizzati (it-Titoli 1 u 2) u fejn applikabbli, in-nefqa operazzjonali relatata mal-programm ta' ħidma (it-Titolu 3).

Il-pjanijiet ta' stabbiliment tal-aġenziji huma stabbiliti fl-Anness"Persunal"ta' din it-Taqsima.

L-aġenziji għandha tgħarraf lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bit-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u dik amministrattiva.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 03 — SUQ UNIKU

KAPITOLU 03 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI *(ikompli)*

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi terzi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, l-ammonti mħallsa lura f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/715/oj) u kwalunkwe dħul assenjat ieħor, imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji bażitarji rilevanti.

03 10 03 L-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

	Approprjazzjonijiet 2025		Bażit emendatorju Nru 3/2025		Ammont ġdid	
	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
03 10 03	14 532 732	14 532 732			14 532 732	14 532 732
Riżervi (30 02 02)	*379 000*	*379 000*	*– 379 000*	*– 379 000*		
Total	14 911 732	14 911 732	– 379 000	– 379 000	14 532 732	14 532 732

Kummenti

B'kunsiderazzjoni tat-TFUE, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu, kif ukoll tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010, Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) hija parti minn Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji (SESF). L-objettiv ewlieni tas-SESF huwa li tiżgura li r-regoli applikabbli għas-settur finanzjarju jiġu implimentati b'mod adegwat biex tiġi ppreservata l-istabbiltà finanzjarja u li tiżgura l-fiduċja fis-sistema finanzjarja kollha kemm hi u biżżejjed protezzjoni għall-klijenti tas-servizzi finanzjarji.

Kontribuzzjoni totali mill-Unjoni	14 586 822
li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus (Artikolu għad-dħul 6 6 2)	54 090
Ammont imdaħħal fil-bażit	14 532 732

Apparti l-kontribuzzjoni tal-Unjoni, id-dħul tal-EIOPA jinkludi wkoll kontribuzzjonijiet mill-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali tal-Istati Membri kompetenti għas-superviżjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji u l-kontribuzzjonijiet mill-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali tal-EFTA, u minn tariffi potenzjali.

KAPITOLU 03 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI *(ikompli)*

03 10 03 *(ikompli)*

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1094/oj).

Ir-Regolament (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009, (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 600/2014, (UE) Nru 909/2014 u (UE) 2016/1011 (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 1, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2554/oj).

Atti ta' referenza

Proposta mressqa mill-Kummissjoni Ewropea fl-24 ta' Mejju 2023għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi (UE) 2009/65/KE, 2009/138/KE, 2011/61/UE, 2014/65/UE u (UE) 2016/97 fir-rigward tar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-investituri bl-imnut (COM(2023) 279 final).

03 10 04 ***L-Awtorità Ewropea dwar it-Titoli u s-Swieq (ESMA)***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

	Approprjazzjonijiet 2025		Baġit emendatorju Nru 3/2025		Ammont ġdid	
	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
03 10 04	21 101 116	21 101 116			21 101 116	21 101 116
Riżervi (30 02 02)	*484 000*	*484 000*	*– 484 000*	*– 484 000*		
Total	21 585 116	21 585 116	– 484 000	– 484 000	21 101 116	21 101 116

Kummenti

B'kunsiderazzjoni tat-TFUE, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu, kif ukoll tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) hija parti minn Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji (SESF). L-objettiv ewlieni tas-SESF huwa li tiżgura li r-regoli applikabbli għas-settur finanzjarju jiġu implimentati b'mod adegwat biex tiġi ppreservata l-istabbiltà finanzjarja u li tiżgura l-fiduċja fis-sistema finanzjarja kollha kemm hi u biżżejjed protezzjoni għall-klijenti tas-servizzi finanzjarji.

Kontribuzzjoni totali mill-Unjoni	21 392 466
li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus (Artikolu għad-dħul 6 6 2)	291 350
Ammont imdaħħal fil-baġit	21 101 116

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 03 — SUQ UNIKU

KAPITOLU 03 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI *(ikompli)*

03 10 04 *(ikompli)*

Apparti l-kontribuzzjoni tal-Unjoni, id-dħul tal-ESMA jinkludi wkoll kontribuzzjonijiet mill-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali tal-Istati Membri kompetenti għas-superviżjoni tal-parteċipant fis-swieq finanzjarji u l-kontribuzzjonijiet mill-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali tal-EFTA, kif ukoll minn tariffi.

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1095/oj).

Ir-Regolament (UE) 2022/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022dwar reġim pilota għall-infrastrutturi tas-suq ibbażati fuq it-teknoloġija ta' reġistru distribwit, u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 600/2014 u (UE) Nru 909/2014 u d-Direttiva 2014/65/UE (ĠU L 151, 2.6.2022, p. 1, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2022/858/oj).

Ir-Regolament (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009, (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 600/2014, (UE) Nru 909/2014 u (UE) 2016/1011 (ĠU L 333, 27.12.2022, p. 1, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2554/oj).

Ir-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023dwar is-swieq fil-kriptoassi, u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 1095/2010 u d-Direttivi 2013/36/UE u (UE) 2019/1937 (ĠU L 150, 9.6.2023, p. 40, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1114/oj).

Ir-Regolament (UE) 2023/2859 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023li jistabbilixxi punt ta' aċċess uniku Ewropew li jipprovdi aċċess ċentralizzat għal informazzjoni disponibbli pubblikament ta' rilevanza għas-servizzi finanzjarji, is-swieq kapitali u s-sostenibbiltà (ĠU L, 2023/2859, 20.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2859/oj).

Atti ta' referenza

Proposta mressqa mill-Kummissjoni fit-13 ta' Ġunju 2023għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trasparenza u l-integrità tal-attivitajiet ta' klassifikazzjoni Ambjentali, Soċjali u ta' Governanza (ESG) (COM(2023) 314 final).

Proposta mressqa mill-Kummissjoni Ewropea fl-24 ta' Mejju 2023għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi (UE) 2009/65/KE, 2009/138/KE, 2011/61/UE, 2014/65/UE u (UE) 2016/97 fir-rigward tar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-investituri bl-imnut (COM(2023) 279 final).

KAPITOLU 03 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI *(ikompli)*

03 10 05 Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus (AMLA)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2025		Bagit emendatorju Nru 3/2025		Ammont ġdid	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
14 192 016	14 192 016	– 600 000	– 600 000	13 592 016	13 592 016

Kummenti

B'kunsiderazzjoni tat-TFUE, u partikolarment l-Artikolu 114 tiegħu, l-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus (AMLA) hija stabbilita bl-objettivi ewlenin għall-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu fl-Unjoni, inkluż billi tikkontribwixxi għal superviżjoni msaħħa u kooperazzjoni mtejba bejn l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja (UIF) u l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali.

Bażiġuridika

Regolament (UE) 2024/1620 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2024i jistabbilixxi l-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU L, 2024/1620, 19.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1620/oj).

IL-KUMMISSJONI

TITOLU 05

ŻVILUPP U KOEŻJONI REĠJONALI

TITOLU 05

ŻVILUPP U KOEŻJONI REĠJONALI

Titolu Kapitolu	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2025		Baġit emendatorju Nru 3/2025		Ammont ġdid	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
05 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ TAL-CLUSTER"ŻVILUPP U KOEŻJONI REĠJONALI"	16 365 249	16 365 249			16 365 249	16 365 249
05 02	FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI (FEŻR)	40 449 412 382	18 321 138 458		2 000 000 000	40 449 412 382	20 321 138 458
	Riżervi (30 02 02)		*3 000 000 000*				*3 000 000 000*
		40 449 412 382	21 321 138 458		2 000 000 000	40 449 412 382	23 321 138 458
05 03	FOND TA' KOEŻJONI (FK)	8 712 680 475	4 372 430 295			8 712 680 475	4 372 430 295
05 04	APPOĠĠ GĦALL-KOMUNITÀ ĊIPRIJOTTA TORKA	33 372 703	31 952 824			33 372 703	31 952 824
05 20	PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA	4 000 000	2 310 789			4 000 000	2 310 789
	Titolu 05 — Total	**49 215 830 809**	**22 744 197 615**		**2 000 000 000**	**49 215 830 809**	**24 744 197 615**
	Riżervi (30 02 02)		***3 000 000 000***				***3 000 000 000***
	Total inklużi r-riżervi	**49 215 830 809**	**25 744 197 615**		**2 000 000 000**	**49 215 830 809**	**27 744 197 615**

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 05 — ŻVILUPP U KOEŻJONI REĠJONALI

TITOLU 05

ŻVILUPP U KOEŻJONI REĠJONALI

KAPITOLU 05 02 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI (FEŻR)

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2025		Bagit emendatorju Nru 3/2025		Ammont ġdid	
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
05 02	FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI (FEŻR)							
05 02 01	***FEŻR — Nefqa operazzjonali***	2.1	40 157 207 649	18 000 000 000		2 000 000 000	40 157 207 649	20 000 000 000
	Riżervi (30 02 02)			*3 000 000 000*				*3 000 000 000*
			40 157 207 649	21 000 000 000		2 000 000 000	40 157 207 649	23 000 000 000
05 02 02	***FEŻR — Assistenza teknika operazzjonali***	2.1	79 813 476	78 876 654			79 813 476	78 876 654
05 02 03	***Inizjattiva Urbana Ewropea***	2.1	47 339 181	81 168 632			47 339 181	81 168 632
05 02 04	***Il-Fond ta' Tranżizzjoni Ġusta (JTF) — Kontribuzzjoni mill-FEŻR***	2.1	78 230 806	p.m.			78 230 806	p.m.
05 02 05	***FEŻR — Finanzjament taħt REACT-EU***							
05 02 05 01	FEŻR — Nefqa operazzjonali — Finanzjament taħt REACT-EU	2.1	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
05 02 05 02	FEŻR — Assistenza teknika operazzjonali — Finanzjament taħt REACT-EU	2.1	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
05 02 05 03	Kooperazzjoni Territorjali Ewropea — Nefqa operazzjonali — Finanzjament taħt REACT-EU	2.1	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
	Artikolu 05 02 05 — Sub-total		p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
05 02 06	***Fond InvestEU — Kontribuzzjoni mill-FEŻR***	2.1	16 236 061	36 236 061			16 236 061	36 236 061
05 02 07	***Strument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi (BMVI) — Kontribuzzjoni mill-FEŻR***	2.1	61 628 959	20 613 021			61 628 959	20 613 021
05 02 08	***Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMSA) — Kontribuzzjoni mill-FEŻR***	2.1	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
05 02 09	***Orizzont Ewropa — Kontribuzzjoni mill-FEŻR***	2.1	8 956 250	4 244 090			8 956 250	4 244 090
05 02 10	***Ewropa Diġitali— Kontribuzzjoni mill-FEŻR***	2.1	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
05 02 11	***Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza — Kontribuzzjoni mill-FEŻR***	2.1	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.

KAPITOLU 05 02 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI (FEŻR) *(ikompli)*

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2025		Bagit emendatorju Nru 3/2025		Ammont ġdid	
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
05 02 99	***Tlestija ta' programmi u ta' attivitajiet preċedenti***							
05 02 99 01	Tlestija tal-FEŻR — Nefqa operazzjonali (qabel l-2021)	2.1	p.m.	100 000 000			p.m.	100 000 000
05 02 99 02	Tlestija tal-FEŻR — Assistenza teknika operazzjonali (qabel l-2021)	2.1	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
05 02 99 03	Tlestija tal-FEŻR — Artikolu 25 — Artikolu 11 (qabel l-2021)	2.1	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
05 02 99 04	Tlestija tal-FEŻR — Azzjonijiet innovattivi fil-qasam tal-iżvilupp urban sostenibbli (qabel l-2021)	2.1	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
	Artikolu 05 02 99 — Sub-total		p.m.	100 000 000			p.m.	100 000 000
	Kapitolu 05 02 — Total		**40 449 412 382**	**18 321 138 458**		**2 000 000 000**	**40 449 412 382**	**20 321 138 458**
	Riżervi (30 02 02)			***3 000 000 000***				***3 000 000 000***
	Total inklużi r-riżervi		**40 449 412 382**	**21 321 138 458**		**2 000 000 000**	**40 449 412 382**	**23 321 138 458**

Kummenti

L-appoġġ tal-FEŻR taħt il-mira tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir u l-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027 u fil-perjodi ta' programmazzjoni preċedenti.

Din se tkopri t-tliet kategoriji ta' reġjuni li ġejjin:

— reġjuni anqas żviluppati, li l-PDG minn ras għal ras huwa anqas minn 75 % tal-medja tal-PDG tal-Unjoni,

— reġjuni ta' tranżizzjoni, li l-PDG minn ras għal ras huwa bejn 75 % u 100 % tal-medja tal-PDG tal-Unjoni,

— reġjuni aktar żviluppati, li l-PDG minn ras għal ras huwa ogħla minn 100 % tal-medja tal-PDG tal-Unjoni.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi terzi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, u kwalunkwe dħul ieħor assenjat, imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-oġġett jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji bażitarji rilevanti.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 05 — ŻVILUPP U KOEŻJONI REĠJONALI

KAPITOLU 05 02 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI (FEŻR) *(ikompli)*

Barra minn hekk, u skont ir-Regolament (UE) 2020/2094, id-dħul assenjat estern li jirriżulta minn dħul mill-Istrument ta' Irkupru tal-Unjoni Ewropea mdaħħal fid-dikjarazzjoni tad-dħul jagħti lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet għal programmi ffinanzjati taħt ir-REACT-UE taħt it-Titoli. 05 u 07 għal ammont totali ta' EUR50 620 000 000f'impenji. Dawn l-ammonti kellhom jiġu impenjati legalment qabel tmiem l-2023 bl-eċċezzjoni tan-nefqa amministrattiva li għaliha l-ammonti huma indikati fir-rimarki tal-baġit tal-linji tal-baġit rilevanti taħt dan it-titolu.

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali. Fond Marittimu u tas-Sajd u li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew Marittimu u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1303/oj), u b'mod partikolari l-Artikoli 92a u 92b tagħha u l-Anness VIIa tagħha.

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020li jistabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 23, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2094/oj).

Ir-Regolament (UE) 2020/2221 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Diċembru 2020li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward ta' riżorsi addizzjonali u arranġamenti ta' implimentazzjoni biex jipprovdi assistenza għat-trawwim ta' miżuri li jsewwu d-dannu kkawżat mill-kriżi fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi soċjali tagħha u għat-tħejjija ta' rkupru ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tal-ekonomija (REACT-EU) (ĠU L 437, 28.12.2020, p. 30, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2221/oj).

Ir-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 1, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1056/oj).

Ir-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 60, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1058/oj).

Ir-Regolament (UE) 2021/1059 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) appoġġata mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u mill-istrumenti ta' finanzjament estern (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 94, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1059/oj).

Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1060/oj).

Ir-Regolament (UE) 2022/562 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' April 2022li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 223/2014 fir-rigward tal-Azzjoni ta' Koeżjoni għar-Refuġjati fl-Ewropa (CARE) (ĠU L 109, 8.4.2022, p. 1, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2022/562/oj).

KAPITOLU 05 02 — FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI (FEŻR) *(ikompli)*

Ir-Regolament (UE) 2022/613 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' April 2022li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 223/2014 fir-rigward ta' żieda fil-prefinanzjament mir-riżorsi tar-REACT-EU u l-istabbiliment ta' kost unitarju (ĠU L 115, 13.4.2022, p. 38, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2022/613/oj).

Ir-Regolament (UE) 2022/2039 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013 u (UE) 2021/1060 fir-rigward ta' aktar flessibbiltà biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-aggressjoni militari tal-Federazzjoni Russa FAST (Assistenza Flessibbli għat-Territorji) – CARE (ĠU L 275, 25.10.2022, p. 23, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2039/oj).

Ir-Regolament (UE) 2023/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2023li jemenda r-Regolament (UE) 2021/241 fir-rigward tal-kapitoli REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013, (UE) 2021/1060 u (UE) 2021/1755, u d-Direttiva 2003/87/KE (ĠU L 63, 28.2.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/435/oj).

Atti ta' referenza

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fid-29 ta' Mejju 2018, dwar mekkaniżmu sabiex jiġu solvuti ostakli legali u amministrattivi f'kuntest transfruntier (COM(2018) 373 final).

05 02 01 FEŻR — Nefqa operazzjonali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

	Approprjazzjonijiet 2025		Bağit emendatorju Nru 3/2025		Ammont ġdid	
	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
05 02 01	40 157 207 649	18 000 000 000		2 000 000 000	40 157 207 649	20 000 000 000
Riżervi (30 02 02)		*3 000 000 000*				*3 000 000 000*
Total	40 157 207 649	21 000 000 000		2 000 000 000	40 157 207 649	23 000 000 000

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri l-appoġġ tal-FEŻR taħt il-mira tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir u għall-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021–2027.

Din se tkopri t-tliet kategoriji ta' reġjuni li ġejjin:

— reġjuni anqas żviluppati, li l-PDG minn ras għal ras huwa anqas minn 75 % tal-medja tal-PDG tal-Unjoni,

— reġjuni ta' tranżizzjoni, li l-PDG minn ras għal ras huwa bejn 75 % u 100 % tal-medja tal-PDG tal-Unjoni,

— reġjuni aktar żviluppati, li l-PDG minn ras għal ras huwa ogħla minn 100 % tal-medja tal-PDG tal-Unjoni.

IL-KUMMISSJONI

TITOLU 06

IRKUPRU U REŻILJENZA

TITOLU 06

IRKUPRU U REŻILJENZA

Titolu Kapitolu	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2025		Bağit emendatorju Nru 3/2025		Ammont ġdid	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
06 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ GĦALL-CLUSTER"IRKUPRU U REŻILJENZA"	34 835 007	34 835 007			34 835 007	34 835 007
06 02	IL-FAĊILITÀ GĦALL-IRKUPRU U R-REŻILJENZA U L-ISTRUMENT TA' APPOĠĠ TEKNIKU	123 790 999	122 687 647	– 5 000 000		118 790 999	122 687 647
06 03	PROTEZZJONI TAL-EURO KONTRA L-IFFALSIFIKAR	902 450	870 000			902 450	870 000
06 04	STRUMENT TA' RKUPRU TAL-UNJONI EWROPEA (EURI)	4 961 000 000	4 961 000 000			4 961 000 000	4 961 000 000
06 05	IL-MEKKANIŻMU TAL-UNJONI GĦALL-PROTEZZJONI ĊIVILI	211 321 354	107 500 000			211 321 354	107 500 000
06 06	PROGRAMM L-UE GĦAS-SAĦĦA	555 939 966	558 000 000			555 939 966	558 000 000
06 07	APPOĠĠ TA' EMERĠENZA FI ĦDAN L-UNJONI	p.m.	1 000 000			p.m.	1 000 000
06 10	AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI	285 120 009	273 269 196	700 000	700 000	285 820 009	273 969 196
	Riżervi (30 02 02)	*405 000*	*81 000*	*– 405 000*	*– 81 000*		
		285 525 009	273 350 196	295 000	619 000	285 820 009	273 969 196
06 20	PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA	15 674 727	13 050 500			15 674 727	13 050 500
	Titolu 06 — Total	**6 188 584 512**	**6 072 212 350**	**– 4 300 000**	**700 000**	**6 184 284 512**	**6 072 912 350**
	Riżervi (30 02 02)	***405 000***	***81 000***	***– 405 000***	***– 81 000***		
	Total inklużi r-riżervi	**6 188 989 512**	**6 072 293 350**	**– 4 705 000**	**619 000**	**6 184 284 512**	**6 072 912 350**

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 06 — IRKUPRU U REŻILJENZA

TITOLU 06

IRKUPRU U REŻILJENZA

KAPITOLU 06 02 — IL-FAĊILITÀ GĦALL-IRKUPRU U R-REŻILJENZA U L-ISTRUMENT TA' APPOĠĠ TEKNIKU

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2025		Bagit emendatorju Nru 3/2025		Ammont ġdid	
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
06 02	IL-FAĊILITÀ GĦALL-IRKUPRU U R-REŻILJENZA U L-ISTRUMENT TA' APPOĠĠ TEKNIKU							
06 02 01	***Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza — appoġġ li ma jitħallasx lura***	2.2	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
06 02 02	***Strument ta' Appoġġ Tekniku***	2.2	123 790 999	122 687 647	– 5 000 000		118 790 999	122 687 647
06 02 99	***Tlestija ta' programmi u attivitajiet preċedenti***							
06 02 99 01	Tlestija tal-Programm ta' Appoġġ għal Riforma Strutturali — Assistenza teknika operazzjonali trasferita mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK) (qabel l-2021)	2.2	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
06 02 99 02	Tlestija tal-Programm ta' Appoġġ għal Riforma Strutturali — Assistenza teknika operazzjonali trasferita mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (qabel l-2021)	2.2	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
	Artikolu 06 02 99 — Sub-total		p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
	Kapitolu 06 02 — Total		**123 790 999**	**122 687 647**	**– 5 000 000**		**118 790 999**	**122 687 647**

Kummenti

L-approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru n-nefqa rilevanti għar-Regolament (UE) 2021/240 li jistabbilixxi Strument ta' Appoġġ Teknikuu u Regolament (UE) 2021/241 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza hija ma maħsuba li tippromwovi l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni billi ttejjeb ir-reżiljenza, it-tħejjija għall-kriżijiet, il-kapaċità ta' aġġustament u l-potenzjal ta' tkabbir tal-Istati Membri, billi ttaffi l-impatt soċjali u ekonomiku tal-kriżi tal-COVID-19, u tappoġġa t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, u b'hekk tikkontribwixxi għar-restawr tal-potenzjal tat-tkabbir tal-ekonomiji tal-Unjoni, trawwem il-ħolqien tal-impjiegi wara l-kriżi tal-COVID-19, u tippromwovi t-tkabbir sostenibbli. Għandha tipprovdi appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri bil-ħsieb li jinkisbu l-istadji importanti u l-miri tar-riformi u l-investimenti kif stabbilit fil-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza.

KAPITOLU 06 02 — IL-FAĊILITÀ GĦALL-IRKUPRU U R-REŻILJENZA U L-ISTRUMENT TA' APPOĠĠ TEKNIKU *(ikompli)*

Skont ir-Regolament (UE) 2020/2094, dħul assenjat estern li jirriżulta minn dħul mill-Istrument ta' Irkupru tal-Unjoni Ewropea mdaħħal fid-dikjarazzjoni tad-dħul jagħti lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet għal dan il-programm taħt dan it-titolu għal ammont totali ta' EUR337 969 000 000f'impenji. Barra minn hekk, ammont totali ta' EUR20 000 000 000huwa disponibbli taħt dan ir-Regolament bħala appoġġ finanzjarju addizzjonali mhux ripagabbli biex jiffinanzja investimenti u riformi ewlenin li jgħinu biex tiżdied ir-reżiljenza tas-sistema tal-enerġija tal-Unjoni permezz ta' tnaqqis fid-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u diversifikazzjoni tal-provvisti tal-enerġija fil-livell tal-Unjoni (REPowerEU). Dak l-ammont għandu jikkostitwixxi wkoll dħul estern assenjat skont l-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju. Dawn l-ammonti kellhom jiġu impenjati legalment qabel tmiem l-2023 bl-eċċezzjoni ta' nefqa amministrattiva li għaliha l-ammonti huma indikati fir-rimarki tal-baġit tal-linji tal-baġit rilevanti taħt dan it-titolu.

L-Istrument ta' Appoġġ Tekniku għandu l-għan li jippromwovi l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni billi jappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri biex jimplimentaw ir-riformi. Dan huwa meħtieġ biex jitħeġġeġ l-investiment, tiżdied il-kompetittività u tinkiseb konverġenza ekonomika u soċjali sostenibbli, reżiljenza u rkupru. L-għan tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku huwa li jappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri biex ifasslu, jiżviluppaw u jimplimentaw riformi u jħejju, jiżviluppaw, jemendaw u jimplimentaw pjanijiet ta' rkupru u reżiljenza skont ir-Regolament (UE) 2021/241. Dan jinkludi li tissaħħaħ il-kapaċità istituzzjonali u amministrattiva tagħhom, sabiex jikkwantifikaw b'mod xieraq l-ispejjeż, l-istadji importanti u l-miri, inklużi fil-livell reġjonali u lokali, biex jiffaċilitaw tranżizzjonijiet soċjalment inklużivi, ekoloġiċi u diġitali, biex jindirizzaw b'mod effettiv l-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż u biex jimplimentaw il-liġi tal-Unjoni.

Bażiġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020li jistabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 23, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2094/oj).

Ir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021li jistabbilixxi Strument ta' Appoġġ Tekniku (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 1, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2021/240/oj).

Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-12 ta' Frar 2021li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj).

Ir-Regolament (UE) 2023/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2023li jemenda r-Regolament (UE) 2021/241 fir-rigward tal-kapitoli REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013, (UE) 2021/1060 u (UE) 2021/1755, u d-Direttiva 2003/87/KE (ĠU L 63, 28.02.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/435/oj).

Ir-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024li jistabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP), u li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE u r-Regolamenti (UE) 2021/1058, (UE) 2021/1056, (UE) 2021/1057, (UE) 1303/2013, (UE) 223/2014, (UE) 2021/1060, (UE) 2021/523, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697 u (UE) 2021/241 (ĠU L, 2024/795, 29.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/795/oj).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 06 — IRKUPRU U REŻILJENZA

KAPITOLU 06 02 — IL-FAĊILITÀ GĦALL-IRKUPRU U R-REŻILJENZA U L-ISTRUMENT TA' APPOĠĠ TEKNIKU *(ikompli)*

06 02 02 Strument ta' Appoġġ Tekniku

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2025		Bagit emendatorju Nru 3/2025		Ammont ġdid	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
123 790 999	122 687 647	– 5 000 000		118 790 999	122 687 647

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż għall-implimentazzjoni tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku sabiex jiġu appoġġati l-isforzi tal-awtoritajiet nazzjonali fit-titjib tal-kapaċità tagħhom li jfasslu, jiżviluppaw u jimplimentaw riformi, kif ukoll biex iħejju, jemendaw, jimplimentaw u jirrevedu pjanijiet ta' rkupru u reżiljenza skont ir-Regolament (UE) 2021/241, inkluż permezz tal-iskambju ta' prattiki tajba, proċessi u metodoloġiji, u l-involviment tal-partijiet ikkonċernati, fejn xieraq, u ġestjoni aktar effettiva u effiċjenti tar-riżorsi umani.

Dan l-appoġġ se jkollu l-għan b'mod partikolari li jiffinanzja, fost affarijiet oħrajn, l-għarfien espert relatat mal-konsulenza dwar il-politika, il-bini tal-kapaċità istituzzjonali, amministrattiva jew settorjali, il-forniment ta' esperti, il-ġbir ta' data u statistika, l-organizzazzjoni tal-appoġġ operazzjonali lokali, il-bini tal-kapaċità tal-IT, l-istudji, ir-riċerka, l-analiżi u l-istħarriġ, l-evalwazzjonijiet u l-valutazzjonijiet tal-impatt, il-pubblikazzjonijiet, is-sensibilizzazzjoni, l-attivitajiet ta' disseminazzjoni, l-iskambju ta' prattiki tajba, kif ukoll għal kwalunkwe attività oħra b'appoġġ għall-objettivi ġenerali u speċifiċi tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku.

KAPITOLU 06 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2025		Bağit emendatorju Nru 3/2025		Ammont ġdid	
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
06 10	AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI							
06 10 01	***Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard***	2.2	79 635 384	79 635 384	700 000	700 000	80 335 384	80 335 384
06 10 02	***L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel***	2.2	157 911 523	146 060 710			157 911 523	146 060 710
	Riżervi (30 02 02)		*405 000*	*81 000*	*– 405 000*	*– 81 000*		
			158 316 523	146 141 710	– 405 000	– 81 000	157 911 523	146 060 710
06 10 03	***L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini***							
06 10 03 01	Il-kontribuzzjoni tal-UE għall-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini	2.2	33 573 102	33 573 102			33 573 102	33 573 102
06 10 03 02	Kontribuzzjoni speċjali għall-prodotti mediċinali orfni	2.2	14 000 000	14 000 000			14 000 000	14 000 000
	Artikolu 06 10 03 — Sub-total		47 573 102	47 573 102			47 573 102	47 573 102
	Kapitolu 06 10 — Total		**285 120 009**	**273 269 196**	**700 000**	**700 000**	**285 820 009**	**273 969 196**
	Riżervi (30 02 02)		***405 000***	***81 000***	***– 405 000***	***– 81 000***		
	Total inkluż r-riżervi		**285 525 009**	**273 350 196**	**295 000**	**619 000**	**285 820 009**	**273 969 196**

Kummenti

L-approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru l-persunal u n-nefqa amministrattiva tal-aġenziji deċentralizzati (it-Titoli 1 u 2) u fejn applikabbli, in-nefqa operazzjonali relatata mal-programm ta' ħidma (it-Titolu 3).

It-tabelli tal-persunal tal-aġenziji huma stabbiliti fl-Anness"Persunal"għal din it-taqsima.

L-aġenziji jridu jinfurmaw lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u dik amministrattiva.

Skont l-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, kontribuzzjonijiet riċevuti minn pajjiżi terzi (Stati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi terzi oħra) għall-parteċipazzjoni fi programmi tal-Unjoni, ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 17 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018dwar ir-regolament finanzjarju ta' qafas għall-korpi stabbiliti taħt it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/715/oj) u kwalunkwe dħul assenjat ieħor imdaħħal fid-dikjarazzjoni tad-dħul jagħtu lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni taħt dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-oġġett jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji bağitarji rilevanti.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 06 — IRKUPRU U REŻILJENZA

KAPITOLU 06 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI *(ikompli)*

06 10 01 Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2025		Baġit emendatorju Nru 3/2025		Ammont ġdid	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
79 635 384	79 635 384	700 000	700 000	80 335 384	80 335 384

Kummenti

L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 851/2004 jipprovdi li l-missjoni taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard hija din li ġejja:

— Sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni u tal-Istati Membri li jipproteġu s-saħħa tal-bniedem permezz tal-prevenzjoni u l-kontroll ta' mard komunikabbli fil-bnedmin u ta' kwistjonijiet ta' saħħa speċjali relatati, il-missjoni taċ-Ċentru hija li jidentifika u jivvaluta theddid attwali u li qed ifiġġ għas-saħħa tal-bniedem minn mard trasmessibbli u kwistjonijiet ta' saħħa speċjali relatati, li jirrapporta dwarhom u, fejn xieraq, li jiżgura li l-informazzjoni dwarhom tiġi ppreżentata b'mod faċilment aċċessibbli. Iċ-Ċentru jaġixxi f'kollaborazzjoni mal-korpi kompetenti tal-Istati Membri jew fuq inizjattiva tiegħu stess, permezz ta' network dedikat. Il-missjoni taċ-Ċentru hija wkoll li jipprovdi rakkomandazzjonijiet ibbażati fuq ix-xjenza u appoġġ fil-koordinazzjoni tar-rispons fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali, kif ukoll fil-livell reġjonali u dak interreġjonali transfruntier, għal tali theddid, fejn xieraq. Meta jipprovdi tali rakkomandazzjonijiet, iċ-Ċentru, fejn meħtieġ, jikkoopera mal-Istati Membri u jqis il-pjanijiet nazzjonali eżistenti ta' ġestjoni tal-kriżijiet u ċ-ċirkostanzi rispettivi ta' kull Stat Membru.

— Fil-każ ta' tifqigħ ieħor ta' mard ta' oriġini mhux magħrufa li jista' jinfirex fl-Unjoni jew lejha, iċ-Ċentru jaġixxi fuq inizjattiva tiegħu stess sakemm isir magħruf is-sors tat-tifqigħa. F'każ ta' tifqigħa li b'mod ċar ma tkunx ikkawżata minn mard trasmessibbli, iċ-Ċentru jaġixxi b'kooperazzjoni mal-korpi kompetenti ta' koordinazzjoni u fuq talba tagħhom, u jipprovdi valutazzjoni tar-riskju.

— Fil-qadi tal-missjoni tiegħu, iċ-Ċentru jirrispetta r-responsabbiltajiet tal-Istati Membri, tal-Kummissjoni u tal-korpi jew l-aġenziji l-oħra tal-Unjoni, kif ukoll ir-responsabbiltajiet ta' pajjiżi terzi u ta' organizzazzjonijiet internazzjonali attivi fil-qasam tas-saħħa pubblika, b'mod partikolari l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), sabiex jiżgura azzjoni li tkun komprensiva, koerenti u komplementarja u li l-azzjonijiet ikunu koordinati.

— Iċ-Ċentru jappoġġa l-ħidma tal-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa (HSC – Health Security Committee), stabbilit bl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2022/2371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2022dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE (ĠU L 314, 6.12.2022, p. 26, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2371/oj), tal-Kunsill, tal-Istati Membri u, fejn rilevanti, ta' strutturi oħra tal-Unjoni, sabiex jippromwovi koerenza effettiva bejn l-attivitajiet rispettivi tagħhom u biex jikkoordina r-risponsi għal theddid transfruntier serju għas-saħħa, fil-limiti tal-mandat tiegħu.

Kontribuzzjoni totali tal-Unjoni	91 090 472
li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus (l-Artikolu 6 6 2 għad-dħul)	10 755 088
L-ammont imdaħħal fil-baġit	80 335 384

KAPITOLU 06 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI *(ikompli)*

06 10 01 *(ikompli)*

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul):

EFTA-ŻEE	2 221 827 6 6 0 0

Bażiġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 851/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004li jistabbilixxi ċentru Ewropew għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard (ĠU L 142, 30.4.2004, p. 1, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2004/851/oj).

Ir-Regolament (UE) 2022/2370 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2022li jemenda r-Regolament (KE) Nru 851/2004 li jistabbilixxi ċentru Ewropew għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard (ĠU L 314, 6.12.2022, p. 1, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2370/oj).

Atti ta' referenza

Dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni - Dokument ta' akkumpanjament għall-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill — Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard dwar il-mard li jittieħed: ir-riżultati pożittivi mit-twaqqif taċ-Ċentru u l-attivitajiet ippjanati u l-ħtiġijiet tar-riżorsi (COM(2008) 741 / SEC(2008) 2792).

06 10 02 ***L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

	Approprjazzjonijiet 2025		Baġit emendatorju Nru 3/2025		Ammont ġdid	
	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
06 10 02	157 911 523	146 060 710			157 911 523	146 060 710
Riżervi (30 02 02)	*405 000*	*81 000*	*– 405 000*	*– 81 000*		
Total	158 316 523	146 141 710	– 405 000	– 81 000	157 911 523	146 060 710

Kummenti

L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (l-EFSA) hija l-element ċentrali tas-sistema tal-Unjoni għall-valutazzjoni tar-riskju dwar is-Sigurtà fl-Ikel u l-għalf. Il-pariri xjentifiċi tagħha dwar ir-riskji eżistenti u emerġenti jirfdu l-politiki u d-deċiżjonijiet tal-maniġers tar-riskju fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni u fl-Istati Membri bil-għan tal-protezzjoni tas-saħħa tal-konsumatur. L-aktar impenn kritiku tal-Awtorità huwa li tipprovdi pariri oġġettivi, trasparenti u indipendenti u komunikazzjoni ċara msejsa fl-aktar metodoloġiji, informazzjoni u*data*xjentifiċi aġġornati disponibbli. L-Awtorità hija impenjata favur l-istandards ewlenin tal-eċċellenza xjentifika, il-ftuħ, it-trasparenza, l-indipendenza u ta' rispons.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 06 — IRKUPRU U REŻILJENZA

KAPITOLU 06 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI *(ikompli)*

06 10 02 *(ikompli)*

It-tabella tal-persunal tal-Awtorità, billi hija l-President tan-Netwerk tal-Aġenziji tal-UE li se jispiċċa, jinkludi pożizzjoni waħda għall-ħolqien tal-Kap tal-Uffiċċju ta' Appoġġ Komuni fi Brussell. Dan huwa bil-għan tal-promozzjoni ta' kisbiet u sinerġiji fl-effiċjenza bejn l-aġenziji u mal-istituzzjonijiet, sabiex l-aġenziji individwali jkunu jistgħu jiffokaw ir-riżorsi tagħhom fuq il-kompiti ewlenin. Il-finanzjament tal-pożizzjoni ta' Kap tal-Uffiċċju ta' Appoġġ Komuni se jinqasam bejn l-aġenziji, li jfisser li ma jenħtieġ ebda finanzjament addizzjonali min-naħa tal-Awtorità f'dan ir-rigward.

Kontribuzzjoni totali tal-Unjoni	158 751 278
li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus (l-Artikolu 6 6 2 għad-dħul)	839 755
L-ammont imdaħħal fil-baġit	157 911 523

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul):

EFTA-ŻEE	4 353 704 6 6 0 0

Bażiġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2002/178/oj).

Ir-Regolament (UE) 2019/1381 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019dwar it-trasparenza u s-sostenibbiltà tal-valutazzjoni tar-riskju tal-UE fil-katina alimentari u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 1829/2003, (KE) Nru 1831/2003, (KE) Nru 2065/2003, (KE) Nru 1935/2004, (KE) Nru 1331/2008, (KE) Nru 1107/2009, (UE) 2015/2283 u d-Direttiva 2001/18/KE (ĠU L 231, 6.9.2019, p. 1, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1381/oj).

Atti ta' referenza

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ippreżentat mill-Kummissjoni fil-5 ta' Lulju 2023, dwar pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-għalf tagħhom, u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/625 (COM(2023) 411 final).

Proposta mressqa mill-Kummissjoni fis-7 ta' Diċembru 2023għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 401/2009, (UE) 2017/745 u (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-attribuzzjoni mill-ġdid ta' kompiti xjentifiċi u tekniċi u t-titjib tal-kooperazzjoni fost l-aġenziji tal-Unjoni fil-qasam tas-sustanzi kimiċi (COM(2023) 783 final).

IL-KUMMISSJONI

TITOLU 07

NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

TITOLU 07

NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

Titolu Kapitolu	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2025		Bağit emendatorju Nru 3/2025		Ammont ġdid	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
07 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ TAL-CLUSTER"NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI"	114 709 254	114 709 254			114 709 254	114 709 254
07 02	IL-FOND SOĊJALI EWROPEW PLUS (FSE+)	17 284 436 679	7 617 034 452		700 000 000	17 284 436 679	8 317 034 452
07 03	ERASMUS+	3 907 603 474	3 704 409 449			3 907 603 474	3 704 409 449
07 04	IL-KORP EWROPEW TA' SOLIDARJETÀ	139 697 739	125 970 407			139 697 739	125 970 407
07 05	EWROPA KREATTIVA	326 616 427	321 471 443			326 616 427	321 471 443
07 06	ĊITTADINI, UGWALJANZA, DRITTIJIET U VALURI	225 644 664	177 497 041			225 644 664	177 497 041
07 07	ĠUSTIZZJA	40 650 000	36 427 526			40 650 000	36 427 526
07 10	AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI U L-UFFIĊĊJU TAL-PROSEKUTUR PUBBLIKU EWROPEW	324 328 592	322 062 077			324 328 592	322 062 077
07 20	PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA	215 003 530	210 106 823			215 003 530	210 106 823
	Titolu 07 — Total	**22 578 690 359**	**12 629 688 472**		**700 000 000**	**22 578 690 359**	**13 329 688 472**

TITOLU 07

NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 02 — IL-FOND SOĊJALI EWROPEW PLUS (FSE+)

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2025		Bagit emendatorju Nru 3/2025		Ammont gdid	
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
07 02	IL-FOND SOĊJALI EWROPEW PLUS (FSE+)							
07 02 01	***Il-fergħa tal-FSE+ b'ġestjoni kondiviża — Nefqa operazzjonali***	2.1	17 093 586 371	7 400 000 000		700 000 000	17 093 586 371	8 100 000 000
07 02 02	***Il-fergħa tal-FSE+ b'ġestjoni kondiviża — Assistenza teknika operazzjonali***	2.1	24 464 594	17 500 000			24 464 594	17 500 000
07 02 03	***Il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (JTF) — Kontribuzzjoni mill-FSE+***	2.1	19 557 081	p.m.			19 557 081	p.m.
07 02 04	***FSE+ — Il-fergħa tal-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI)***	2.2	107 373 853	74 000 000			107 373 853	74 000 000
07 02 05	***Il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) — Finanzjament permezz ta' REACT-EU***							
07 02 05 01	L-FSE — Nefqa operazzjonali — Finanzjament permezz ta' REACT-EU	2.1	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
07 02 05 02	L-FSE — Assistenza teknika operazzjonali — Finanzjament permezz ta' REACT-EU	2.1	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
	Artikolu 07 02 05 — Sub-total		p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
07 02 06	***Il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FGħEB) — Finanzjament permezz ta' REACT-EU***							
07 02 06 01	Il-FGħEB — Nefqa operazzjonali — Finanzjament permezz ta' REACT-EU	2.1	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
07 02 06 02	Il-FGħEB — Assistenza teknika operazzjonali — Finanzjament permezz ta' REACT-EU	2.1	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
	Artikolu 07 02 06 — Sub-total		p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
07 02 07	***Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI) — Finanzjament permezz ta' REACT-EU***							
07 02 07 01	YEI — Nefqa operazzjonali — Finanzjament taħt REACT-EU	2.1	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
	Artikolu 07 02 07 — Sub-total		p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
07 02 08	***Fond InvestEU — Kontribuzzjoni mill-ESF+***	2.1	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 02 — IL-FOND SOĊJALI EWROPEW PLUS (FSE+) *(ikompli)*

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2025		Bagit emendatorju Nru 3/2025		Ammont ġdid	
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
07 02 09	***Strument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (BMVI) — Kontribuzzjoni mill-FSE+***	2.1	31 454 780	17 534 452			31 454 780	17 534 452
07 02 10	***Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA) — Kontribuzzjoni mill-FSE+***	2.1	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
07 02 11	***Kontribuzzjoni mill-FSE+***	2.1	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
07 02 12	***Programm Ewropa Diġitali — Kontribuzzjoni mill-FSE+***	2.1	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
07 02 13	***Erasmus+ — Kontribuzzjoni mill-FSE+***	2.1	8 000 000	8 000 000			8 000 000	8 000 000
07 02 14	***Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza — Kontribuzzjoni mill-FSE+***	2.1	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
07 02 99	***Tlestija ta' programmi u attivitajiet preċedenti***							
07 02 99 01	Tlestija tal-FSE — Nefqa operazzjonali (qabel l-2021)	2.1	p.m.	100 000 000			p.m.	100 000 000
07 02 99 02	Tlestija tal-FSE — Assistenza teknika operazzjonali (qabel l-2021)	2.1	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
07 02 99 03	Tlestija tal-YEI (2014-2020)	2.1	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
07 02 99 04	Tlestija tal-FGħEB (2014-2020)	2.1	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
07 02 99 05	Tlestija tal-Programm tal-Unjoni Ewropea għal Impjiegi u Innovazzjoni Soċjali u attivitajiet preċedenti relatati ohrajn (qabel l-2021)	2.2	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
07 02 99 06	Tlestija tal-FSE — l-Artikolu 25 (qabel l-2021)	2.1	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
	Artikolu 07 02 99 — Sub-total		p.m.	100 000 000			p.m.	100 000 000
	Kapitolu 07 02 — Total		**17 284 436 679**	**7 617 034 452**		**700 000 000**	**17 284 436 679**	**8 317 034 452**

Kummenti

L-approprjazzjonijiet ta' dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru n-nefqa li tappoġġa lill-Istati Membri biex jiksbu livelli għoljin fl-impjiegi, protezzjoni soċjali ġusta u forza tax-xogħol kwalifika u reżiljenti li tkun lesta għad-dinja tax-xogħol futura, kif ukoll in-nefqa li tappoġġa, tikkumplimenta u żżid il-valur tal-politiki tal-Istati Membri ħalli jkunu żgurati opportunitajiet indaqs, aċċess għas-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, protezzjoni u inklużjoni soċjali, u livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem.

KAPITOLU 07 02 — IL-FOND SOĊJALI EWROPEW PLUS (FSE+) *(ikompli)*

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi terzi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni u kwalunkwe dħul assenjat ieħor imdaħħal fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji bażitarji rilevanti.

Barra minn hekk, u skont ir-Regolament (UE) 2020/2094, id-dħul assenjat estern li jirriżulta minn dħul mill-Istrument ta' Irkupru tal-Unjoni Ewropea mdaħħal fid-dikjarazzjoni tad-dħul jagħti lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet għal programmi ffinanzjati taħt ir-REACT-UE taħt it-Titoli. 05 u 07 għal ammont totali ta' EUR50 620 000 000f'impenji. Dawn l-ammonti kellhom jiġu impenjati legalment qabel tmiem l-2023 bl-eċċezzjoni ta' nefqa amministrattiva li għaliha l-ammonti huma indikati fir-rimarki tal-bażit tal-linji tal-bażit rilevanti taħt dan it-titolu.

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1303/oj).

Ir-Regolament (UE) Nru 223/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014dwar il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (ĠU L 72, 12.3.2014, p. 1, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2014/223/oj).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020li jistabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropeagħall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 23, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2094/oj).

Ir-Regolament (UE) 2020/2221 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Diċembru 2020li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward ta' riżorsi addizzjonali u arranġamenti ta' implimentazzjoni biex jipprovdi assistenza għat-trawwim ta' miżuri li jsewwu d-dannu kkawżat mill-kriżi fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi soċjali tagħha u għat-tħejjija ta' rkupru ekoloġiku, diġitali u reżiljenti tal-ekonomija (REACT-EU) (ĠU L 437, 28.12.2020, p. 30, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2221/oj).

Ir-Regolament (UE) 2021/177 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021li jemenda r-Regolament (UE) Nru 223/2014 fir-rigward tal-introduzzjoni ta' miżuri speċifiċi għall-indirizzar tal-kriżi assoċjata mat-tifqigħa tal-COVID-19 (ĠU L 53, 16.2.2021, p. 1, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2021/177/oj).

Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2021/523/oj).

Ir-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 1, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1056/oj).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 07 — NINVESTU FIN-NIES, IL-KOEŻJONI SOĊJALI U L-VALURI

KAPITOLU 07 02 — IL-FOND SOĊJALI EWROPEW PLUS (FSE+) *(ikompli)*

Ir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 21, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1057/oj).

Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1060/oj).

07 02 01 Il-fergħa tal-FSE+ b'ġestjoni kondiviża — Nefqa operazzjonali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2025		Bagit emendatorju Nru 3/2025		Ammont ġdid	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
17 093 586 371	7 400 000 000		700 000 000	17 093 586 371	8 100 000 000

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa maħsuba biex jonqsu d-disparitajiet ekonomiċi, soċjali u territorjali li nqalgħu, b'mod partikolari fil-pajjiżi u fir-reġjuni li l-iżvilupp tagħhom għadu lura, b'rabta mat-tħaffif tar-ristrutturar ekonomiku u soċjali, id-diġitalizzazzjoni fuq it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, iż-żieda fil-ħiliet u n-nuqqas ta' ħaddiema u implikazzjonijiet u impatt tal-bidla demografika, inkluż it-tixjieħ tal-popolazzjoni, biex tinżamm Ewropa aktar soċjali. Dan għandu jsir f'konformità mal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

Se tkopri t-tliet kategoriji ta' reġjuni li ġejjin:

— ir-reġjuni anqas żviluppati, bi PDG*per capita*inqas minn 75 % tal-medja tal-PDG tal-Unjoni,

— ir-reġjuni ta' tranżizzjoni, bi PDG*per capita*bejn il-75 % u l-100 % tal-medja tal-PDG tal-Unjoni,

— ir-reġjuni aktar żviluppati bi PDG*per capita*aktar minn 100 % tal-medja tal-PDG tal-Unjoni.

Jenħtieġ li l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel b'mod orizzontali u b'azzjonijiet speċifiċi tkun parti mill-appoġġ mogħti mill-FSE+ jżidu l-parteċipazzjoni tan-nisa fl-impjiegi kif ukoll għall-konċiljazzjoni bejn ix-xogħol u l-ħajja personali u jiġu miġġielda l-femminizzazzjoni tal-faqar u d-diskriminazzjoni bejn il-ġeneri fis-suq tax-xogħol u fl-edukazzjoni u t-taħriġ.

IL-KUMMISSJONI

TITOLU 08

AGRIKOLTURA U POLITIKA MARITTIMA

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 08 — AGRIKOLTURA U POLITIKA MARITTIMA

TITOLU 08

AGRIKOLTURA U POLITIKA MARITTIMA

Titolu Kapitolu	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2025		Bağit emendatorju Nru 3/2025		Ammont ġdid	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
08 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ TAL-CLUSTER"AGRIKOLTURA U POLITIKA MARITTIMA"	12 881 750	12 881 750			12 881 750	12 881 750
08 02	IL-FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA (FAEG)	39 973 194 597	40 028 020 016			39 973 194 597	40 028 020 016
08 03	IL-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI (FAEŻR)	13 223 936 938	14 008 954 516			13 223 936 938	14 008 954 516
08 04	FOND EWROPEW GĦALL-AFFARIJIET MARITTIMI, IS-SAJD U L-AKKWAKULTURA (FEMSA)	937 704 820	652 519 747			937 704 820	652 519 747
08 05	FTEHIMIET TA' SĦUBIJA DWAR IS-SAJD SOSTENIBBLI (SFPAS) U ORGANIZZAZZJONIJIET REĠJONALI TAL-ĠESTJONI TAS-SAJD (RFMOS)	96 761 000	99 826 000			96 761 000	99 826 000
	Riżervi (30 02 02)	*59 970 000*	*41 620 000*	*– 39 947 143*	*– 22 392 143*	*20 022 857*	*19 227 857*
		156 731 000	141 446 000	– 39 947 143	– 22 392 143	116 783 857	119 053 857
08 10	AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI	30 250 522	30 250 522			30 250 522	30 250 522
08 20	PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA	1 000 000	5 462 500			1 000 000	5 462 500
	Titolu 08 — Total	**54 275 729 627**	**54 837 915 051**			**54 275 729 627**	**54 837 915 051**
	Riżervi (30 02 02)	***59 970 000***	***41 620 000***	***– 39 947 143***	***– 22 392 143***	***20 022 857***	***19 227 857***
	Total inklużi r-riżervi	**54 335 699 627**	**54 879 535 051**	**– 39 947 143**	**– 22 392 143**	**54 295 752 484**	**54 857 142 908**

TITOLU 08

AGRIKOLTURA U POLITIKA MARITTIMA

KAPITOLU 08 05 — FTEHIMIET TA' SĦUBIJA DWAR IS-SAJD SOSTENIBBLI (SFPAS) U ORGANIZZAZZJONIJIET REĠJONALI TAL-ĠESTJONI TAS-SAJD (RFMOS)

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2025		Bağit emendatorju Nru 3/2025		Ammont ġdid	
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
08 05	FTEHIMIET TA' SĦUBIJA DWAR IS-SAJD SOSTENIBBLI (SFPAS) U ORGANIZZAZZJONIJIET REĠJONALI TAL-ĠESTJONI TAS-SAJD (RFMOS)							
08 05 01	***Stabbiliment ta' qafas ta' governanza għall-attivitajiet tas-sajd imwettqa mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni f'ilmijiet ta' pajjiżi terzi***	3.2	90 590 000	93 655 000			90 590 000	93 655 000
	Riżervi (30 02 02)		*59 970 000*	*41 620 000*	*– 39 947 143*	*– 22 392 143*	*20 022 857*	*19 227 857*
			150 560 000	135 275 000	– 39 947 143	– 22 392 143	110 612 857	112 882 857
08 05 02	***Promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli għall-ġestjoni tas-sajd u l-governanza marittima bi qbil mal-objettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) (kontribuzzjonijiet obbligatorji għall-korpi internazzjonali)***	3.2	6 171 000	6 171 000			6 171 000	6 171 000
	Kapitolu 08 05 — Total		**96 761 000**	**99 826 000**			**96 761 000**	**99 826 000**
	Riżervi (30 02 02)		***59 970 000***	***41 620 000***	***– 39 947 143***	***– 22 392 143***	***20 022 857***	***19 227 857***
	Total inklużi r-riżervi		**156 731 000**	**141 446 000**	**– 39 947 143**	**– 22 392 143**	**116 783 857**	**119 053 857**

Kummenti

L-approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru n-nefqa relatata mal-implimentazzjoni tal-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli u l-Protokolli tagħha konklużi bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi kif ukoll is-sħubija tal-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi terzi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni u kwalunkwe dħul assenjat ieħor imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji bağitarji rilevanti.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 08 — AGRIKOLTURA U POLITIKA MARITTIMA

KAPITOLU 08 05 — FTEHIMIET TA' SĦUBIJA DWAR IS-SAJD SOSTENIBBLI (SFPAS) U ORGANIZZAZZJONIJIET REĠJONALI TAL-ĠESTJONI TAS-SAJD (RFMOS) *(ikompli)*

08 05 01 Stabbiliment ta' qafas ta' governanza għall-attivitajiet tas-sajd imwettqa mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni f'ilmijiet ta' pajjiżi terzi

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

	Approprjazzjonijiet 2025		Bagit emendatorju Nru 3/2025		Ammont ġdid	
	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
08 05 01	90 590 000	93 655 000			90 590 000	93 655 000
Riżervi (30 02 02)	*59 970 000*	*41 620 000*	*– 39 947 143*	*– 22 392 143*	*20 022 857*	*19 227 857*
Total	150 560 000	135 275 000	– 39 947 143	– 22 392 143	110 612 857	112 882 857

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri n-nefqa li tirriżulta mill-ftehimiet dwar is-sajd li l-Unjoni nnegozjat jew beħsiebha ġġedded jew tinnegozja mill-ġdid ma' pajjiżi terzi.

Barra minn hekk, l-Unjoni tista' tinnegozja ftehimiet ta' sħubija ġodda fil-qasam tas-sajd li jkun jeħtieġ li jiġu ffinanzjati minn dan l-artikolu.

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1380/oj), u b'mod partikolari l-Artikolu 31 tiegħu.

Ir-Regolamenti u d-Deċiżjonijiet dwar il-konklużjoni ta' ftehimiet u protokolli adottati fir-rigward ta' sajd bejn l-Unjoni u l-gvernijiet tal-pajjiżi li ġejjin:

Status (minn Settembru 2025)	Pajjiż	Bażi ġuridika	Data	Il-Ġurnal Uffiċjali	Durata
Ftehimiet u/jew Protokolli applikati proviżorjament jew li huma fis-seħħ (u kumpens finanzjarju dovut fl-2024 imdaħħal fl-Artikolu 08 05 01)	Cabo Verde	Id-Deċiżjoni (UE) 2024/2152	15 ta' Lulju 2024	L, 2024/2152,21.8.2-024	23.7.2024sat-22.7.2029
	Il-Kosta tal-Avorju	Id-Deċiżjoni (UE) 2025/1194	25 ta' April 2025	L,2.7.2025	06.06.2025sal-05.06.2029
	Il-Gabon	Id-Deċiżjoni (UE) 2021/1116	It-Tnejn,28 ta' Ġunju 2021	L 242,8.7.2021	29.6.2021s-a28.6.2026
	Greenland	Id-Deċiżjoni (UE) 2024/3202	5 ta' Diċembru 2024	L,30.12.2024	12.12.2024sal-11.12.2030

KAPITOLU 08 05 — FTEHIMIET TA' SĦUBIJA DWAR IS-SAJD SOSTENIBBLI (SFPAS) U ORGANIZZAZZJONIJIET REĠJONALI TAL-ĠESTJONI TAS-SAJD (RFMOS) *(ikompli)*

08 05 01 *(ikompli)*

Status (minn Settembru 2025)	Pajjiż	Bażi ġuridika	Data	Il-Ġurnal Uffiċjali	Durata
	Il-Guinea-Bissau	Id-Deċiżjoni (UE) 2024/2588	10 ta' Settembru 2024	L, 2024/2588,3.10. 2-024	18.9.2024sas-17.9.2029
	Kiribati	Id-Deċiżjoni (UE) 2023/2187	Is-6 ta' Settembru 2023	L 2023/2187,18.10.-2023	2.10.2023sal-1.10.2028
	Il-Madagascar	Deċiżjoni (UE) 2023/1476	26 ta' Ġunju 2023	L 182,19.7.2023	1.7.2023sat-30.06.2027
	Il-Mauritania	Id-Deċiżjoni (UE) 2021/2123	Il-11 ta' Novembru 2021	L 439,8.12.2021	16.11.2021s-a15.11.2026
	Mauritius	Id-Deċiżjoni (UE) 2022/2585	It-8 ta' Novembru 2022	L 338,30.12.2022	21.12.2022s-a20.12.2026
	Is-Seychelles	Id-Deċiżjoni (UE) 2020/272	L-20 ta' Frar 2020	L 60,28.2.2020	24.2.2020s-a23.2.2026
Ftehimiet u-Protokolli li jridu jiġu negozjati mill-ġdid, li diġà qed jiġu negozjati jew li għaddejjin bi proċedura leġiżlattiva (kumpens finanzjarju mdaħħal fl-artikolu 30 02 02)	L-Angola	Ftehim ġdid			
	Il-Gżejjer Cook	Id-Deċiżjoni (UE) 2021/2277	Il-11 ta' Novembru 2021	L 463,28.12.2021	Skadenza: is-16.12.2024
	Il-Kosta tal-Avorju	Id-Deċiżjoni (UE) 2019/385	L-4 ta' Marzu 2019	L 70,12.3.2019	Skadenza: il-31.12.2024
	Il-Gambja	Id-Deċiżjoni (UE) 2020/392	Il-5 ta' Marzu 2020	L 75,11.3.2020	Skadenza: it-30.7.2025
	Greenland	Id-Deċiżjoni (UE) 2021/793	Is-26 ta' Marzu 2021	L 175,18.5.2021	Skadenza: it-22.4.2025
	Il-Guinea (Guinée)	Id-Deċiżjoni 2009/473/Kunsill	It-22 ta' Diċembru 2009	L 348,29.12.2009	Skada
	Il-Liberja	Id-Deċiżjoni (UE) 2016/1062	L-24 ta' Mejju 2016	L 177,1.7.2016	Skada
	Il-Marokk	Id-Deċiżjoni (UE) 2019/441	L-4 ta' Marzu 2019	L 77,20.3.2019	Skada

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 08 — AGRIKOLTURA U POLITIKA MARITTIMA

KAPITOLU 08 05 — FTEHIMIET TA' SĦUBIJA DWAR IS-SAJD SOSTENIBBLI (SFPAS) U ORGANIZZAZZJONIJIET REĠJONALI TAL-ĠESTJONI TAS-SAJD (RFMOS) *(ikompli)*

08 05 01 *(ikompli)*

Status (minn Settembru 2025)	Pajjiż	Bażi ġuridika	Data	Il-Ġurnal Uffiċjali	Durata
	São Tomé u Príncipe	Id-Deċiżjoni (UE) 2019/2218	L-24 ta' Ottubru 2019	L 333,27.12.2019	Skadenza: it-18.12.2024
	Is-Senegal	Id-Deċiżjoni (UE) 2019/1925	L-14 ta' Novembru 2019	L 299,20.11.2019	Skadenza: is-17.11.2024

IL-KUMMISSJONI

TITOLU 09

AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 09 — AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA

TITOLU 09

AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA

Titolu Kapitolu	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2025		Bagit emendatorju Nru 3/2025		Ammont gdid	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
09 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ TAL-CLUSTER"AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA"	27 810 647	27 810 647			27 810 647	27 810 647
09 02	IL-PROGRAMM GĦALL-AMBJENT U L-AZZJONI KLIMATIKA (LIFE)	748 208 802	568 672 893	6 383 295	6 383 295	754 592 097	575 056 188
09 03	FOND GĦAL TRANŻIZZJONI ĠUSTA (JFT)	1 513 991 893	6 459 302			1 513 991 893	6 459 302
09 04	FAĊILITÀ TA' SELF GĦAS-SETTUR PUBBLIKU PERMEZZ TAL-MEKKANIŻMU GĦAL TRANŻIZZJONI ĠUSTA (JTM)	p.m.	25 000 000			p.m.	25 000 000
09 05	IL-FOND SOĊJALI GĦALL-KLIMA (FSK)	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
09 10	AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI	69 321 902	69 321 902			69 321 902	69 321 902
	Riżervi (30 02 02)	*7 884 723*	*7 884 723*	*– 6 383 295*	*– 6 383 295*	*1 501 428*	*1 501 428*
		77 206 625	77 206 625	– 6 383 295	– 6 383 295	70 823 330	70 823 330
09 20	PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA	36 750 000	20 825 584			36 750 000	20 825 584
	Titolu 09 — Total	**2 396 083 244**	**718 090 328**	**6 383 295**	**6 383 295**	**2 402 466 539**	**724 473 623**
	Riżervi (30 02 02)	***7 884 723***	***7 884 723***	***– 6 383 295***	***– 6 383 295***	***1 501 428***	***1 501 428***
	Total inklużi r-riżervi	**2 403 967 967**	**725 975 051**			**2 403 967 967**	**725 975 051**

TITOLU 09

AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA

KAPITOLU 09 02 — IL-PROGRAMM GĦALL-AMBJENT U L-AZZJONI KLIMATIKA (LIFE)

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2025		Bağit emendatorju Nru 3/2025		Ammont ġdid	
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
09 02	IL-PROGRAMM GĦALL-AMBJENT U L-AZZJONI KLIMATIKA (LIFE)							
09 02 01	***Natura u bijodiversità***	3.2	305 344 360	154 909 483	290 858	290 858	305 635 218	155 200 341
09 02 02	***Ekonomija ċirkolari u kwalità tal-ħajja***	3.2	183 370 092	114 944 920	5 801 579	5 801 579	189 171 671	120 746 499
09 02 03	***Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u adattament għalih***	3.2	123 165 910	89 966 414	290 858	290 858	123 456 768	90 257 272
09 02 04	***Tranżizzjoni lejn enerġija nadifa***	3.2	136 328 440	91 852 076			136 328 440	91 852 076
09 02 99	***Tlestija ta' programmi u attivitajiet preċedenti***							
09 02 99 01	Tlestija ta' programmi preċedenti fil-qasam tal-ambjent u l-azzjoni klimatika (LIFE) (qabel l-2021)	3.2	p.m.	117 000 000			p.m.	117 000 000
	Artikolu 09 02 99 — Sub-total		p.m.	117 000 000			p.m.	117 000 000
	Kapitolu 09 02 — Total		**748 208 802**	**568 672 893**	**6 383 295**	**6 383 295**	**754 592 097**	**575 056 188**

Kummenti

L-approprjazzjonijiet f'dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru azzjonijiet li jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni lejn ekonomija nadifa, ċirkolari, effiċjenti fl-enerġija, b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju u reżiljenti għat-tibdil fil-klima, inkluż permezz tat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, lejn protezzjoni u titjib tal-kwalità tal-ambjent u lejn waqfien u restawr tat-telf tal-bijodiversità, u għalhekk jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli.

Il-programm LIFE jista' jipprovdi finanzjament fi kwalunkwe waħda mill-forom stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju, b'mod partikolari għotjiet, premjijiet u akkwist. Jista' jipprovdi wkoll finanzjament fil-forma ta' strumenti finanzjarji f'operazzjonijiet ta' taħlit, li għandhom jiġu implimentati skont ir-Regolament (UE) 2021/523.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi terzi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, u kwalunkwe dħul assenjat ieħor imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji bağitarji rilevanti.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 09 — AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA

KAPITOLU 09 02 — IL-PROGRAMM GĦALL-AMBJENT U L-AZZJONI KLIMATIKA (LIFE) *(ikompli)*

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2021/523/oj).

Ir-Regolament (UE) 2021/783 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021li jistabbilixxi Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni dwar il-Klima (LIFE), u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 (ĠU L 172, 17.5.2021, p. 53, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2021/783/oj).

Id-Deċiżjoni (UE) 2022/591 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' April 2022dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030 (ĠU L 114,12.4.2022, p. 22, ELI:http://data.europa.eu/eli/dec/2022/591/oj).

Ir-Regolament (UE) 2024/573 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Frar 2024dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, li jemenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 517/2014 (ĠU L, 2024/573, 20.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/573/oj).

Atti ta' referenza

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-11 ta' Diċembru 2019dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM(2019) 640 final).

09 02 01 Natura u bijodiversità

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2025		Bagit emendatorju Nru 3/2025		Ammont ġdid	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
305 344 360	154 909 483	290 858	290 858	305 635 218	155 200 341

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa relatata mal-implimentazzjoni tas-sottoprogramm speċifiku għan-natura u l-bijodiversità tal-programm LIFE.

Se tipprovdi appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità, u tad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7, ELI:http://data.europa.eu/eli/dir/2009/147/oj) u d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7, ELI:http://data.europa.eu/eli/dir/1992/43/oj). L-azzjonijiet se jkopru l-ambjent terrestri u l-ambjent tal-baħar.

Din tinkludi:

— il-finanzjament ta' tekniki, metodi u approċċi innovattivi biex jintlaħqu l-objettivi tal-leġiżlazzjoni u l-politika tal-Unjoni dwar in-natura u l-bijodiversità, u biex jingħata kontribut għall-bażi tal-għarfien u għall-applikazzjoni tal-aqwa prattika, inkluż bl-appoġġ tan-network Natura 2000,

KAPITOLU 09 02 — IL-PROGRAMM GĦALL-AMBJENT U L-AZZJONI KLIMATIKA (LIFE) *(ikompli)*

09 02 01 *(ikompli)*

— l-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni u l-politika rilevanti tal-Unjoni dwar l-objettivi tan-natura u tal-bijodiversità, u t-traċċar tan-nefqa relatata mal-bijodiversità tal-Unjoni, kif ukoll appoġġ relatat. titjib tal-governanza fil-livelli kollha permezz ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-atturi pubbliċi u privati, u l-involviment tas-soċjetà ċivili fl-iżvilupp tal-politika relatata man-natura u l-bijodiversità,

— l-appoġġ ta' azzjonijiet maħsuba biex jikkatalizzaw l-użu fuq skala kbira ta' soluzzjonijiet/approċċi ta' suċċess għall-implimentazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar in-natura u l-bijodiversità, billi jirreplikaw ir-riżultati, billi jintegraw l-objettivi relatati f'politiki oħra u fil-prattiki tas-settur pubbliku u privat, u billi jimmobilizzaw l-investiment u jtejbu l-aċċess għall-finanzi.

Il-kostijiet tal-assistenza teknika għall-għażla, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-awditjar tal-proġetti, u tal-appoġġ għall-attivitajiet ta' komunikazzjoni, azzjonijiet tal-IT, l-organizzazzjoni ta' gruppi ta' ħidma, konferenzi u laqgħat, kif ukoll attivitajiet oħra ta' governanza (inkluż appoġġ lil organizzazzjonijiet nongovernattivi permezz ta' għotjiet operatorji) jistgħu jiġu ffinanzjati wkoll minn din l-approprjazzjoni.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	519 085 6 6 0 0
Il-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent	255 783 6 2 1 1

09 02 02 ***Ekonomija ċirkolari u kwalità tal-ħajja***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2025		Baġit emendatorju Nru 3/2025		Ammont ġdid	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
183 370 092	114 944 920	5 801 579	5 801 579	189 171 671	120 746 499

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa relatata mal-implimentazzjoni tas-sottoprogramm speċifiku għall-ekonomija ċirkolari u l-kwalità tal-ħajja tal-programm LIFE.

Dan is-sottoprogramm għandu l-għan li jiffaċilita t-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli, ċirkolari, effiċjenti fl-użu tal-enerġija u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u li jipproteġi, jirrestawra u jtejjeb il-kwalità tal-ambjent.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 09 — AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA

KAPITOLU 09 02 — IL-PROGRAMM GĦALL-AMBJENT U L-AZZJONI KLIMATIKA (LIFE) *(ikompli)*

09 02 02 *(ikompli)*

Din tappoġġa proġetti li jiffukaw fuq it-twettiq tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Dawn se jkunu azzjonijiet relatati mat-tranżizzjoni lejn ekonomija effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, il-ġestjoni tar-riżorsi naturali, bħall-arja, l-ilma u l-art biex tinkiseb l-ambizzjoni ta' tniġġis żero, it-tisħiħ tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni ambjentali, kif ukoll il-promozzjoni ta' governanza ambjentali tajba.

Din tinkludi:

— il-finanzjament ta' tekniki, metodi u approċċi innovattivi biex jintlaħqu l-objettivi tal-leġiżlazzjoni u l-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent, u biex jingħata kontribut għall-bażi tal-għarfien u għall-applikazzjoni tal-aqwa prattiki,

— l-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar tal-politiki u l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, inkluż billi ttejjeb il-governanza f'kull livell, b'mod partikolari bit-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-atturi pubbliċi u privati u l-involviment tas-soċjetà ċivili,

— l-appoġġ għal azzjonijiet maħsuba biex jikkatalizzaw l-użu fuq skala kbira ta' soluzzjonijiet tekniċi u relatati mal-politika ta' suċċess għall-implimentazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar l-ambjent, billi jirreplikaw ir-riżultati, jintegraw l-objettivi relatati mal-ambjent f'politiki oħra u fil-prattiki tas-settur pubbliku u privat, u billi jimmobilizzaw l-investiment u jtejbu l-aċċess għall-finanzi.

Il-kostijiet tal-assistenza teknika għall-għażla, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-awditjar tal-proġetti, u tal-appoġġ għall-attivitajiet ta' komunikazzjoni, azzjonijiet tal-IT, l-organizzazzjoni ta' gruppi ta' ħidma, konferenzi u laqgħat, kif ukoll attivitajiet oħra ta' governanza (inkluż appoġġ lil organizzazzjonijiet nongovernattivi permezz ta' għotjiet operatorji) jistgħu jiġu ffinanzjati wkoll minn din l-approprjazzjoni.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	311 729 6 6 0 0
Il-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent	155 645 6 2 1 1

09 02 03 ***Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u adattament għalih***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2025		Bağit emendatorju Nru 3/2025		Ammont ġdid	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
123 165 910	89 966 414	290 858	290 858	123 456 768	90 257 272

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-sottoprogramm speċifiku għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u adattament għalih tal-programm LIFE.

KAPITOLU 09 02 — IL-PROGRAMM GĦALL-AMBJENT U L-AZZJONI KLIMATIKA (LIFE) *(ikompli)*

09 02 03 *(ikompli)*

Se tappoġġa attivitajiet li jiffukaw fuq l-eżekuzzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, speċjalment fl-oqsma tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima (it-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra), l-adattament għat-tibdil fil-klima (it-tisħiħ tal-isforzi dwar il-protezzjoni kontra t-tibdil fil-klima, il-bini tar-reżiljenza, il-prevenzjoni u l-preparatezza), kif ukoll il-promozzjoni ta' governanza klimatika tajba.

Din tinkludi:

— l-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar tal-politiki u l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar l-azzjoni klimatika, inkluż billi ttejjeb il-governanza f'kull livell, b'mod partikolari bit-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-atturi pubbliċi u privati u l-involviment tas-soċjetà ċivili,

— il-finanzjament ta' tekniki, metodi u approċċi innovattivi biex jintlaħqu l-objettivi tal-leġiżlazzjoni u l-politika tal-Unjoni dwar l-azzjoni klimatika, u biex jingħata kontribut għall-bażi tal-għarfien u għall-applikazzjoni tal-aqwa prattiki,

— l-appoġġ għal kwalunkwe azzjonijiet maħsuba biex jikkatalizzaw l-użu fuq skala kbira ta' soluzzjonijiet tekniċi u relatati mal-politika ta' suċċess għall-implimentazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar l-azzjoni klimatika, billi jirreplikaw ir-riżultati, jintegraw l-objettivi relatati f'politiki oħra u fil-prattiki tas-settur pubbliku u privat, u billi jimmobilizzaw l-investiment u jtejbu l-aċċess għall-finanzi.

Il-kostijiet tal-assistenza teknika għall-għażla, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-awditjar tal-proġetti, u tal-appoġġ għall-attivitajiet ta' komunikazzjoni, azzjonijiet tal-IT, l-organizzazzjoni ta' gruppi ta' ħidma, konferenzi u laqgħat, kif ukoll attivitajiet oħra ta' governanza (inkluż appoġġ lil organizzazzjonijiet nongovernattivi permezz ta' għotjiet operatorji) jistgħu jiġu ffinanzjati wkoll minn din l-approprjazzjoni.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	209 382 6 6 0 0

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 09 — AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA

KAPITOLU 09 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2025		Bağit emendatorju Nru 3/2025		Ammont ġdid	
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
09 10	AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI							
09 10 01	***L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi — Direttivi u Konvenzjonijiet internazzjonali ambjentali***	3.2	6 365 199	6 365 199			6 365 199	6 365 199
	Riżervi (30 02 02)		*4 083 742*	*4 083 742*	*– 3 483 742*	*– 3 483 742*	*600 000*	*600 000*
			10 448 941	10 448 941	– 3 483 742	– 3 483 742	6 965 199	6 965 199
09 10 02	***L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent***	3.2	62 956 703	62 956 703			62 956 703	62 956 703
	Riżervi (30 02 02)		*3 800 981*	*3 800 981*	*– 2 899 553*	*– 2 899 553*	*901 428*	*901 428*
			66 757 684	66 757 684	– 2 899 553	– 2 899 553	63 858 131	63 858 131
	Kapitolu 09 10 — Total		**69 321 902**	**69 321 902**			**69 321 902**	**69 321 902**
	Riżervi (30 02 02)		***7 884 723***	***7 884 723***	***– 6 383 295***	***– 6 383 295***	***1 501 428***	***1 501 428***
	Total inklużi r-riżervi		**77 206 625**	**77 206 625**	**– 6 383 295**	**– 6 383 295**	**70 823 330**	**70 823 330**

Kummenti

L-approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru l-persunal u n-nefqa amministrattiva tal-aġenziji deċentralizzati (it-Titoli 1 u 2) u fejn applikabbli, in-nefqa operazzjonali relatata mal-programm ta' ħidma (it-Titolu 3).

Il-pjanijiet ta' stabbiliment tal-aġenziji huma stabbiliti fl-Anness"Persunal"ta' din it-taqsima.

L-aġenziji għandhom jinformaw lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi terzi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, l-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 17 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/715/oj) u kwalunkwe dħul assenjat ieħor imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji bağitarji rilevanti.

KAPITOLU 09 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI *(ikompli)*

09 10 01 L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi — Direttivi u Konvenzjonijiet internazzjonali ambjentali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

	Approprjazzjonijiet 2025		Baġit emendatorju Nru 3/2025		Ammont ġdid	
	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
09 10 01	6 365 199	6 365 199			6 365 199	6 365 199
Riżervi (30 02 02)	*4 083 742*	*4 083 742*	*– 3 483 742*	*– 3 483 742*	*600 000*	*600 000*
Total	10 448 941	10 448 941	– 3 483 742	– 3 483 742	6 965 199	6 965 199

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa tal-persunal, amministrattiva u operazzjonali għall-attivitajiet tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi relatati mal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni tas-sustanzi kimiċi perikoluż, dwar niġġiesa organiċi persistenti, l-ilma, l-iskart, l-emissjonijiet industrijali, u l-batteriji u l-iskart tal-batteriji.

Kontribuzzjoni totali tal-Unjoni	7 029 623
li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus (dħul, Artikolu 6 6 2)	64 424
Ammont imdaħħal fil-baġit	6 965 199

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul):

EFTA-ŻEE	291 525 6 6 2

Bażiġuridika

Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3, ELI:http://data.europa.eu/eli/dir/2008/98/oj).

Ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikoluż (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 60, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2012/649/oj).

Id-Direttiva (UE) 2018/851 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018li temenda d-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 109, ELI:http://data.europa.eu/eli/dir/2018/851/oj).

Ir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019dwar il-pollutanti organiċi persistenti (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 45, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1021/oj).

Id-Direttiva (UE) 2020/2184 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 435, 23.12.2020, p. 1, ELI:http://data.europa.eu/eli/dir/2020/2184/oj).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 09 — AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA

KAPITOLU 09 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI *(ikompli)*

09 10 01 *(ikompli)*

Id-Deċiżjoni (UE) 2022/591 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' April 2022dwar Programm ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni Ġenerali sal-2030 (ĠU L 114, 12.4.2022, p. 22, ELI:http://data.europa.eu/eli/dec/2022/591/oj).

Ir-Regolament (UE) 2023/1542 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2023dwar batteriji u skart ta' batteriji, li jemenda d-Direttiva 2008/98/KE u r-Regolament (UE) 2019/1020 u li jħassar id-Direttiva 2006/66/KE (ĠU L 191, 28.7.2023, p. 1, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1542/oj).

Id-Direttiva (UE) 2024/1785 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024li temenda d-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) u tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE dwar ir-rimi ta' skart f'landfill (ĠU L, 2024/1785, 15.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1785/oj).

Atti ta' referenza

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ippreżentata mill-Kummissjoni fis-26 ta' Ottubru 2022, li temenda d-Direttiva 2000/60/KE li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma, id-Direttiva 2006/118/KE dwar il- protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art mit-tniġġis u d-deterjorament u d-Direttiva 2008/105/KE dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma (COM(2022) 540 final).

Proposta mressqa mill-Kummissjoni fis-7 ta' Diċembru 2023għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 401/2009, (UE) 2017/745 u (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-attribuzzjoni mill-ġdid ta' kompiti xjentifiċi u tekniċi u t-titjib tal-kooperazzjoni fost l-aġenziji tal-Unjoni fil-qasam tas-sustanzi kimiċi (COM(2023) 783 final).

09 10 02 ***L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

	Approprjazzjonijiet 2025		Bagit emendatorju Nru 3/2025		Ammont ġdid	
	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
09 10 02	62 956 703	62 956 703			62 956 703	62 956 703
Riżervi (30 02 02)	*3 800 981*	*3 800 981*	*– 2 899 553*	*– 2 899 553*	*901 428*	*901 428*
Total	66 757 684	66 757 684	– 2 899 553	– 2 899 553	63 858 131	63 858 131

Kummenti

Il-missjoni tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent hija li tipprovdi lill-Unjoni u lill-Istati Membri b'informazzjoni oġġettiva, affidabbli u paragunabbli fuq l-ambjent f'livell tal-Unjoni, u b'hekk dawn ikunu jistgħu jieħdu l-miżuri meħtieġa għall-protezzjoni tal-ambjent, jivvalutaw ir-riżultati ta' dawn il-miżuri u jinfurmaw lill-pubbliku.

KAPITOLU 09 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI *(ikompli)*

09 10 02 *(ikompli)*

Kontribuzzjoni totali tal-Unjoni	64 190 184
li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus (dħul, Artikolu 6 6 2)	332 053
Ammont imdaħħal fil-baġit	63 858 131

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul):

EFTA-ŻEE	1 862 539 6 6 2
Il-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent	3 127 000 6 6 2
Dħul ieħor assenjat	5 576 161 6 6 2

Bażiġuridika

Ir-Regolament (KE) Nru 401/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-23 ta' April 2009dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u n-Network Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent (ĠU L 126, 21.5.2009, p. 13, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2009/401/oj).

Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018dwar l-inklużjoni ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u tneħħija mill-użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u forestrija fil-qafas tal-klima u l-enerġija tal-2030, u li jemenda r-Regolament (UE)) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2018/841/oj).

Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1119/oj).

Id-Deċiżjoni(UE) 2022/591 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' April 2022dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030 (ĠU L 114, 12.4.2022, p. 22, ELI:http://data.europa.eu/eli/dec/2022/591/oj).

Ir-Regolament (UE) 2023/839 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' April 2023li jemenda r-Regolament (UE) 2018/841 fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni, is-simplifikazzjoni tar-regoli dwar ir-rapportar u l-konformità, u l-istabbiliment tal-miri tal-Istati Membri għall-2030, u r-Regolament (UE) 2018/1999 fir-rigward tat-titjib fil-monitoraġġ, fir-rapportar, fit-traċċar tal-progress u fir-rieżami (ĠU L 107, 21.4.2023, p. 1, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2023/839/oj).

Ir-Regolament (UE) 2024/1244 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024dwar ir-rapportar ta'*data*ambjentali minn installazzjonijiet industrijali, li jistabbilixxi Portal dwar l-Emissjonijiet Industrijali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 166/2006 (ĠU L, 2024/1244, 2.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1244/oj).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 09 — AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA

KAPITOLU 09 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI *(ikompli)*

09 10 02 *(ikompli)*

Ir-Regolament (UE) 2024/1610 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1242 fir-rigward tat-tisħiħ tal-istandards ta' prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO_2għal vetturi heavy-duty ġodda u l-integrazzjoni tal-obbligi ta' rapportar, li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/956 (ĠU L, 2024/1610, 6.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1610/oj).

Ir-Regolament (UE) 2024/1991 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2024dwar ir-restawr tan-natura u li jemenda r-Regolament (UE) 2022/869 (ĠU L, 2024/1991, 29.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1991/oj).

Atti ta' referenza

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ippreżentata mill-Kummissjoni fis-26 ta' Ottubru 2022, li temenda d-Direttiva 2000/60/KE li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma, id-Direttiva 2006/118/KE dwar il- protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art mit-tniġġis u d-deterjorament u d-Direttiva 2008/105/KE dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma (COM(2022) 540 final).

Proposta mressqa mill-Kummissjoni fit-22 ta' Marzu 2023għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sostanzjar u l-komunikazzjoni ta' asserzjonijiet ambjentali espliċiti (COM(2023) 166 final).

Proposta mressqa mill-Kummissjoni Ewropea fit-22 ta' Novembru 2023għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar qafas għall-monitoraġġ tal-foresti Ewropej reżiljenti (COM(2023) 728 final).

Proposta mressqa mill-Kummissjoni fis-7 ta' Diċembru 2023għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 401/2009, (UE) 2017/745 u (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-attribuzzjoni mill-ġdid ta' kompiti xjentifiċi u tekniċi u t-titjib tal-kooperazzjoni fost l-aġenziji tal-Unjoni fil-qasam tas-sustanzi kimiċi (COM(2023) 783 final).

TITOLU 10

IL-MIGRAZZJONI

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 10 — IL-MIGRAZZJONI

TITOLU 10

IL-MIGRAZZJONI

Titolu Kapitolu	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2025		Bagit emendatorju Nru 3/2025		Ammont gdid	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
10 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ TAL-CLUSTER"MIGRAZZJONI"	3 150 000	3 150 000			3 150 000	3 150 000
10 02	FOND GĦALL-ASIL, IL-MIGRAZZJONI U L-INTEGRAZZJONI (AMIF)	1 865 538 241	1 162 142 317	48 000 000	45 000 000	1 913 538 241	1 207 142 317
10 10	AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI	234 150 757	234 150 757	– 48 000 000	– 45 000 000	186 150 757	189 150 757
	Titolu 10 — Total	**2 102 838 998**	**1 399 443 074**			**2 102 838 998**	**1 399 443 074**

TITOLU 10

IL-MIGRAZZJONI

KAPITOLU 10 02 — FOND GĦALL-ASIL, IL-MIGRAZZJONI U L-INTEGRAZZJONI (AMIF)

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2025		Bażit emendatorju Nru 3/2025		Ammont ġdid	
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
10 02	FOND GĦALL-ASIL, IL-MIGRAZZJONI U L-INTEGRAZZJONI (AMIF)							
10 02 01	***Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF)***	4	1 863 630 325	971 926 563	48 000 000	45 000 000	1 911 630 325	1 016 926 563
10 02 02	***Strument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Politika dwar il-Viża (BMVI) — Kontribuzzjoni mill-AMIF***	4	306 733	55 636			306 733	55 636
10 02 03	***Fond għas-Sigurtà Interna (ISF) — Kontribuzzjoni mill-AMIF***	4	1 601 183	160 118			1 601 183	160 118
10 02 99	***Tlestija ta' programmi u ta' attivitajiet preċedenti***							
10 02 99 01	Tlestija tal-azzjonijiet preċedenti fl-oqsma tal-immigrazzjoni (qabel l-2021)	4	p.m.	190 000 000			p.m.	190 000 000
	Artikolu 10 02 99 — Sub-total		p.m.	190 000 000			p.m.	190 000 000
	Kapitolu 10 02 — Total		**1 865 538 241**	**1 162 142 317**	**48 000 000**	**45 000 000**	**1 913 538 241**	**1 207 142 317**

Kummenti

L-approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru azzjonijiet li jikkontribwixxu għal ġestjoni effiċjenti tal-flussi migratorji skont l-*acquis*rilevanti tal-Unjoni u f'konformità mal-impenji tal-Unjoni dwar id-drittijiet fundamentali.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi terzi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, u kwalunkwe dħul ieħor assenjat, imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-oġġett jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji bażitarji rilevanti.

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viża (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1060/oj).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 10 — IL-MIGRAZZJONI

KAPITOLU 10 02 — FOND GĦALL-ASIL, IL-MIGRAZZJONI U L-INTEGRAZZJONI (AMIF) *(ikompli)*

Ir-Regolament (UE) 2021/1147 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021li jistabbilixxi l-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (ĠU L 251, 15.7.2021, p. 1, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1147/oj).

Ir-Regolament (UE) 2022/585 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-6 ta' April 2022li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 514/2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżijiet, (UE) Nru 516/2014 li jistabbilixxi l-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u (UE) 2021/1147 li jistabbilixxi l-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (ĠU L 112, 11.4.2022, p. 1, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2022/585/oj).

Ir-Regolament (UE) 2024 /1348 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024li jistabbilixxi proċedura komuni għall-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni u li jħassar id-Direttiva 2013/32/UE (ĠU L, 2024/1348, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1348/oj).

Ir-Regolament (UE) 2024/1349 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024li jistabbilixxi proċedura ta' ritorn fuq il-fruntiera, u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1148 (ĠU L, 2024/1349, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1349/oj).

Ir-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024dwar il-ġestjoni tal-asil u l-migrazzjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1147, u (UE) 2021/1060 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 (ĠU L, 2024/1351, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1351/oj).

Ir-Regolament (UE) 2024/1358 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac"għat-tqabbil ta' data bijometrika sabiex jiġu applikati b'mod effettiv ir-Regolamenti (UE) 2024/1351 u (UE) 2024/1350 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE u għall-identifikazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiż terz u persuni apolidi li qed jirresjiedu illegalment u dwar talbiet għat-tqabbil ma' data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 603/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L, 2024/1358, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1358/oj).

Ir-Regolament (UE) 2024/1359 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024li jindirizza sitwazzjonijiet ta' kriżi u force majeure fil-qasam tal-migrazzjoni u l-asil u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1147 (ĠU L, 2024/1359, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1359/oj).

Atti ta' referenza

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fil-15 ta' Novembru 2023li jistabbilixxi Riżerva ta' Talent tal-UE (COM (2023) 716 final).

KAPITOLU 10 02 — FOND GĦALL-ASIL, IL-MIGRAZZJONI U L-INTEGRAZZJONI (AMIF) *(ikompli)*

10 02 01 Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2025		Bagit emendatorju Nru 3/2025		Ammont ġdid	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 863 630 325	971 926 563	48 000 000	45 000 000	1 911 630 325	1 016 926 563

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-ġestjoni effiċjenti tal-flussi migratorji skont l-*acquis*rilevanti tal-Unjoni u f'konformità mal-impenji tal-Unjoni dwar id-drittijiet fundamentali.

B'mod partikolari, l-AMIF huwa maħsub biex jikkontribwixxi għat-tisħiħ u l-iżvilupp tal-aspetti kollha tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil, inkluża d-dimensjoni esterna tagħha; għall-ġlieda kontra l-migrazzjoni rregolari u jiġi żgurat ritorn lejn u r-riammissjoni effettiv, sigur u dinjituż f'pajjiżi terzi.

L-AMIF jippromwovi miżuri komuni fil-qasam tal-asil, inkluż l-isforzi tal-Istati Membri li jirċievu persuni fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali permezz ta' risistemazzjoni u t-trasferiment ta' applikanti bejn l-Istati Membri għal jew benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, jappoġġja strateġiji ta' integrazzjoni u jiżviluppa u jsaħħaħ politika aktar effettiva dwar il-migrazzjoni legali, sabiex jiżguraw il-kompetittività fit-tul tal-Unjoni u l-futur tal-mudell soċjali tagħha u jnaqqsu l-inċentivi għall-migrazzjoni irregolari permezz ta' politika ta' ritorn sostenibbli u ta' riammissjoni. L-AMIF jappoġġja t-tisħiħ tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi biex tissaħħaħ il-ġestjoni tal-flussi ta' persuni li japplikaw għall-asil jew forom oħra ta' protezzjoni internazzjonali, il-passaġġi tal-migrazzjoni legali u biex tiġi miġġielda l-migrazzjoni irregolari u tiġi żgurata s-sostenibbiltà tar-ritorn u r-riammissjoni effettiva lejn pajjiżi terzi.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 10 — IL-MIGRAZZJONI

KAPITOLU 10 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2025		Bağit emendatorju Nru 3/2025		Ammont ġdid	
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
10 10	AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI							
10 10 01	***Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA)***	4	234 150 757	234 150 757	– 48 000 000	– 45 000 000	186 150 757	189 150 757
	Kapitolu 10 10 — Total		**234 150 757**	**234 150 757**	**– 48 000 000**	**– 45 000 000**	**186 150 757**	**189 150 757**

Kummenti

L-approprjazzjonijiet taħt dan l-artikolu huma maħsuba biex ikopru l-persunal u n-nefqa amministrattiva tal-Aġenziji deċentralizzati (it-Titoli 1 u 2) u fejn applikabbli, in-nefqa operazzjonali relatata mal-programm ta' ħidma (it-Titolu 3).

Il-pjanijiet ta' stabbiliment tal-Aġenziji huma stabbiliti fl-Anness"Persunal"ta' din it-taqsima.

L-Aġenziji jridu jinformaw lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u dik amministrattiva.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi terzi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, l-ammonti mħallsa lura f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/715/oj) u kwalunkwe dħul assenjat ieħor imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-oġġett jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji bağitarji rilevanti.

10 10 01 Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA)

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2025		Bağit emendatorju Nru 3/2025		Ammont ġdid	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
234 150 757	234 150 757	– 48 000 000	– 45 000 000	186 150 757	189 150 757

KAPITOLU 10 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI *(ikompli)*

10 10 01 *(ikompli)*

Kummenti

L-EUAA, li tissostitwixxi u hija s-suċċessur tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil (EASO) mid-19 ta' Jannar 2022, huwa ċentru ta' għarfien espert dwar l-asil u jikkontribwixxi għall-iżvilupp tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil billi jiffaċilita, jikkoordina u jsaħħaħ il-kooperazzjoni prattika fost l-Istati Membri dwar il-ħafna aspetti tal-ażil. L-EUAA tgħin ukoll lill-Istati Membri jwettqu l-obbligi Ewropej u internazzjonali tagħhom biex jagħtu protezzjoni lil persuni fil-bżonn, huwa jipprovdi appoġġ operazzjonali lil Stati Membri bi ħtiġijiet speċifiċi u lill-Istati Membri li s-sistemi ta'ażil u akkoljenza tagħhom jinsabu taħt pressjoni partikolari. Barra minn hekk, l-EUAA tipprovdi input ibbażat fuq l-evidenza għat-tfassil għall-politika u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fl-oqsma kollha li għandhom impatt dirett jew indirett fuq l-ażil.

Kontribuzzjoni totali mill-Unjoni	191 737 310
li minnhom l-ammont li ġej mill-irkupru tas-surplus (dħul, l-artikolu 6 6 2)	5 586 553
L-ammont imdaħħal fil-baġit	186 150 757

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE) 2021/2303 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2021dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 439/2010 (ĠU L 468, 30.12.2021, p. 1, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2303/oj).

IL-KUMMISSJONI

TITOLU 11

ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI

TITOLU 11

ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI

Titolu Kapitolu	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2025		Baġit emendatorju Nru 3/2025		Ammont ġdid	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
11 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' SOSTENN TAL-CLUSTER"ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI"	2 234 000	2 234 000			2 234 000	2 234 000
11 02	FOND GĦALL-ĠESTJONI INTEGRATA TAL-FRUNTIERI (IBMF) — STRUMENT GĦALL-APPOĠĠ FINANZJARJU GĦALL-ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI U L-POLITIKA DWAR IL-VIŻI	1 232 560 499	459 393 388		357 000 000	1 232 560 499	816 393 388
11 03	FOND GĦALL-ĠESTJONI INTEGRATA TAL-FRUNTIERI (IBMF) — STRUMENT TA' APPOĠĠ FINANZJARJU GĦAT-TAGĦMIR TA' KONTROLL DOGANALI	78 214 000	55 790 910	– 78 032 393	– 47 859 845	181 607	7 931 065
11 10	AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI	1 230 206 527	1 210 342 382			1 230 206 527	1 210 342 382
	Riżervi (30 02 02)	*76 744 000*	*76 744 000*			*76 744 000*	*76 744 000*
		1 306 950 527	1 287 086 382			1 306 950 527	1 287 086 382
	Titolu 11 — Total	**2 543 215 026**	**1 727 760 680**	**– 78 032 393**	**309 140 155**	**2 465 182 633**	**2 036 900 835**
	Riżervi (30 02 02)	***76 744 000***	***76 744 000***			***76 744 000***	***76 744 000***
	Total inklużi r-riżervi	**2 619 959 026**	**1 804 504 680**	**– 78 032 393**	**309 140 155**	**2 541 926 633**	**2 113 644 835**

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 11 — ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI

TITOLU 11

ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI

KAPITOLU 11 02 — FOND GĦALL-ĠESTJONI INTEGRATA TAL-FRUNTIERI (IBMF) — STRUMENT GĦALL-APPOĠĠ FINANZJARJU GĦALL-ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI U L-POLITIKA DWAR IL-VIŻI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2025		Bağit emendatorju Nru 3/2025		Ammont ġdid	
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
11 02	FOND GĦALL-ĠESTJONI INTEGRATA TAL-FRUNTIERI (IBMF) — STRUMENT GĦALL-APPOĠĠ FINANZJARJU GĦALL-ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI U L-POLITIKA DWAR IL-VIŻI							
11 02 01	***Strument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viża***	4	1 230 663 318	396 496 207		357 000 000	1 230 663 318	753 496 207
11 02 02	***Fond għas-Sigurtà Interna (FSI) - Kontribuzzjoni mill-BMVI***	4	1 897 181	1 897 181			1 897 181	1 897 181
11 02 99	***Tlestija ta' programmi u ta' attivitajiet preċedenti***							
11 02 99 01	Tlestija ta' azzjonijiet preċedenti fil-qasam tal-fruntieri, viża u sistemi tal-IT (qabel l-2021)	4	p.m.	61 000 000			p.m.	61 000 000
	Artikolu 11 02 99 — Sub-total		p.m.	61 000 000			p.m.	61 000 000
	Kapitolu 11 02 — Total		**1 232 560 499**	**459 393 388**		**357 000 000**	**1 232 560 499**	**816 393 388**

Kummenti

L-approprjazzjonijiet f'dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru l-azzjonijiet li jiżguraw ġestjoni integrata Ewropea soda u effettiva tal-fruntieri, filwaqt li jissalvagwardjaw il-moviment liberu tal-persuni fi ħdanhom, f'konformità sħiħa mal-impenji tal-Unjoni dwar id-drittijiet fundamentali, biex b'hekk jikkontribwixxu għall-garanzija ta' livell għoli ta' sigurtà fl-Unjoni.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi terzi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni u kwalunkwe dħul ieħor assenjat imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji bağitarji rilevanti.

Bażiġuridika

Il-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985bejn il-Gvernijiet ta' l-Istati ta' l-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija bil-mod ta' kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom (ĠU L 239, 22.9.2000, p. 19, ELI:http://data.europa.eu/eli/convention/2000/922/oj).

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEC) Nru 1683/95 tad-29 ta' Mejju 1985li jistabbilixxi format uniformi għall-viża (ĠU L 164, 14.7.1995, p. 1, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/1995/1683/oj).

KAPITOLU 11 02 — FOND GĦALL-ĠESTJONI INTEGRATA TAL-FRUNTIERI (IBMF) — STRUMENT GĦALL-APPOĠĠ FINANZJARJU GĦALL-ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI U L-POLITIKA DWAR IL-VIŻI *(ikompli)*

Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008dwar is-Sistema ta' l-Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (Regolament VIS (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2008/767/oj).

Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2009/810/oj).

Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra talfruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2016/399/oj).

Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI (ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2016/794/oj).

Ir-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2017li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) biex tiġi rreġistrata data dwar id-dħul u l-ħruġ u data dwar iċ-ċaħda tad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri u li jiddetermina l-kondizzjonijiet għall-aċċess għall-EES għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008 u (UE) Nru 1077/2011 (ĠU L 327, 9.12.2017, p. 20, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2017/2226/oj).

Ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018li jistabbilixxi s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226 (ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1240/oj).

Ir-Regolament (UE) 2018/1860 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018dwar l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1860/oj).

Ir-Regolament (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-verifiki fuq il-fruntieri, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, u li jemenda u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 14, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1861/oj).

Ir-Regolament (UE) 2019/816 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019i jistabbilixxi sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni ta' Stati Membri fil-pussess ta' informazzjoni dwar kundanni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi (ECRIS-TCN) biex tissupplimenta s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726 (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 1, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2019/816/oj).

Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam ta' fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726 u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/817/oj).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 11 — ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI

KAPITOLU 11 02 — FOND GĦALL-ĠESTJONI INTEGRATA TAL-FRUNTIERI (IBMF) — STRUMENT GĦALL-APPOĠĠ FINANZJARJU GĦALL-ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI U L-POLITIKA DWAR IL-VIŻI *(ikompli)*

Ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-20 ta' Mejju 2019dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816 (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 85, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2019/818/oj).

Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1896/oj).

Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1060/oj).

Ir-Regolament (UE) 2021/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 251, 15.7.2021, p. 48, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1148/oj).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/922 tad-9 ta' Ġunju 2022dwar l-istabbiliment u l-operazzjoni ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1053/2013 (ĠU L 160, 15.6.2022, p. 1, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2022/922/oj).

Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar regoli supplementari fir-rigward tal-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, għall-perjodu mill-2021 sal-2027, iffirmat fit-28 ta' Novembru 2023(ĠU L, 2024/200, 4.1.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2024/200/oj).

Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar regoli supplementari fir-rigward tal-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, għall-perjodu mill-2021 sal-2027, iffirmat fit-28 ta' Novembru 2023(ĠU L, 2024/1292, 13.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2024/1292/oj).

Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1291 tad-29 ta' April 2024dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn L-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar ir-regoli addizzjonali b'rabta mal-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, għall-perjodu mill-2021 sal-2027 (ĠU L, 2024/1291, 13.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1291/oj).

Regolament (UE) 2024/1352 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024li jemenda r-Regolamenti (UE) 2019/816 u (UE) 2019/818 għall-fini tal-introduzzjoni tal-iskrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni (ĠU L, 2024/1352, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1352/oj).

Ir-Regolament (UE) 2024/1356 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024li jintroduċi l-iskrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/817 (ĠU L, 2024/1356, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1356/oj).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 11 — ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI

KAPITOLU 11 02 — FOND GĦALL-ĠESTJONI INTEGRATA TAL-FRUNTIERI (IBMF) — STRUMENT GĦALL-APPOĠĠ FINANZJARJU GĦALL-ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI U L-POLITIKA DWAR IL-VIŻI *(ikompli)*

Ir-Regolament (UE) 2024/1358 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac"għat-tqabbil ta' data bijometrika sabiex jiġu applikati b'mod effettiv ir-Regolamenti (UE) 2024/1351 u (UE) 2024/1350 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE u għall-identifikazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiż terz u persuni apolidi li qed jirresjiedu illegalment u dwar talbiet għat-tqabbil ma' data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 603/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L, 2024/1358, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1358/oj).

Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda dwar regoli supplementari fir-rigward tal-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, għall-perjodu mill-2021 sal-2027, iffirmat fl-20 ta' Diċembru 2023(ĠU L, 2024/1591, 5.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2024/1591/oj).

Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar regoli supplementari fir-rigward tal-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, għall-perjodu mill-2021 sal-2027, iffirmat fl-20 ta' Diċembru 2023(ĠU L, 2024/1592, 5.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree/2024/1592/oj).

Ir-Regolament (UE) 2025/12 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2024, dwar il-ġbir u t-trasferiment ta' informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri għat-titjib u għall-faċilitazzjoni tal-kontrolli fil-fruntieri esterni, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726 u (UE) 2019/817, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2004/82/KE (ĠU L, 2025/12, 8.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/12/oj).

Ir-Regolament (UE) 2025/13 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2024dwar il-ġbir u t-trasferiment ta' informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/818 (ĠU L, 2025/13, 8.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/13/oj).

Atti ta' referenza

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ippreżentata mill-Kummissjoni fit-28 ta' Novembru 2023, dwar it-tisħiħ tal-kooperazzjoni tal-pulizija fir-rigward tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-investigazzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar tal-bnedmin, u dwar it-tisħiħ tal-appoġġ tal-Europol għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra tali reati u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794 (COM (2023) 754 final).

11 02 01 Strument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2025		Baġit emendatorju Nru 3/2025		Ammont ġdid	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
1 230 663 318	396 496 207		357 000 000	1 230 663 318	753 496 207

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 11 — ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI

KAPITOLU 11 02 — FOND GĦALL-ĠESTJONI INTEGRATA TAL-FRUNTIERI (IBMF) — STRUMENT GĦALL-APPOĠĠ FINANZJARJU GĦALL-ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI U L-POLITIKA DWAR IL-VIŻI *(ikompli)*

11 02 01 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiżgura ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri b'saħħitha u effettiva fil-fruntieri esterni filwaqt li tissalvagwardja l-moviment liberu tal-persuni fi ħdanhom, f'konformità sħiħa mal-impenji tal-Unjoni dwar id-drittijiet fundamentali, biex b'hekk tikkontribwixxi għall-garanzija ta' livell għoli ta' sigurtà fl-Unjoni.

B'mod aktar speċifiku, l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (BMVI) jeħtieġ li jikkontribwixxi biex jappoġġa ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri effettiva fuq il-fruntieri esterni, li implimentati mill-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta bħala responsabbiltà kondiviża bejn l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u l-Kosta u tal-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-ġestjoni tal-fruntieri, biex jiffaċilitaw il-qsim leġittimu tal-fruntieri, biex jipprevjenu u jidentifikaw l-immigrazzjoni illegali u l-kriminalità transfruntiera u biex jiġġestixxu effettivament il-flussi migratorji, kif ukoll biex jappoġġaw l-politika komuni dwar il-viżi sabiex jiffaċilitaw l-ivvjaġġar leġittimu u jipprevjenu riskji migratorji u tas-sigurtà.

Il-BMVI jippromwovi l-implimentazzjoni tal-Ġestjoni Integrata Ewropea tal-Fruntieri kif iddefinita mill-komponenti tagħha skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2019/1896: il-kontroll fuq il-fruntieri, it-tfittxija u s-salvataġġ matul is-sorveljanza fuq il-fruntieri, l-analiżi tar-riskju u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri (appoġġati u kkoordinati mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta). Il-BMVI jippromwovi wkoll il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji, il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, miżuri tekniċi u operazzjonali fiż-żona Schengen marbuta mal-kontroll fuq il-fruntieri u mfassla biex jindirizzaw l-immigrazzjoni illegali u biex jiġġieldu aħjar il-kriminalità transfruntiera, l-użu ta' teknoloġija avvanzata, u l-kontroll tal-kwalità u mekkaniżmi ta' solidarjetà. Barra minn hekk, il-BMVI jikkontribwixxi għat-titjib tal-effiċjenza tal-ipproċessar tal-viżi f'termini tal-identifikazzjoni u l-ivvalutar tas-sigurtà u r-riskji tal-migrazzjoni irregolari kif ukoll li jiġu ffaċilitati l-proċeduri tal-viżi għall-vjaġġaturi*bona fide*. Il-BMVI jappoġġa d-diġitalizzazzjoni tal-ipproċessar tal-viża bl-objettiv li jiġu pprovduti proċeduri tal-viża rapidi, siguri u favorevoli għall-klijent għall-benefiċċju kemm tal-applikanti għal viża kif ukoll tal-konsulati.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul ieħor assenjat	198 852 981 6 3 2 0

KAPITOLU 11 03 — FOND GĦALL-ĠESTJONI INTEGRATA TAL-FRUNTIERI (IBMF) — STRUMENT TA' APPOĠĠ FINANZJARJU GĦAT-TAGĦMIR TA' KONTROLL DOGANALI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2025		Bagit emendatorju Nru 3/2025		Ammont ġdid	
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
11 03	FOND GĦALL-ĠESTJONI INTEGRATA TAL-FRUNTIERI (IBMF) — STRUMENT TA' APPOĠĠ FINANZJARJU GĦAT-TAGĦMIR TA' KONTROLL DOGANALI							
11 03 01	***Strument ta' appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta' kontroll doganali***	4	78 214 000	55 790 910	– 78 032 393	– 47 859 845	181 607	7 931 065
	Kapitolu 11 03 — Total		**78 214 000**	**55 790 910**	**– 78 032 393**	**– 47 859 845**	**181 607**	**7 931 065**

Kummenti

Approprjazzjonijiet fil-kapitolu huma maħsuba biex ikopru l-appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta' kontroll doganali biex jappoġġaw lill-unjoni doganali u lill-awtoritajiet doganali sabiex jiġu protetti l-interessi finanzjarji u ekonomiċi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, sabiex jiġu żgurati s-sigurtà u s-sikurezza fl-Unjoni u sabiex l-Unjoni tiġi protetta mill-kummerċ illegali u inġust filwaqt li jiġu ffaċilitati l-attivitajiet kummerċjali leġittimi. L-Istrument ta' appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta' kontroll doganali jikkontribwixxi biex ikun hemm kontrolli doganali adegwati u ekwivalenti permezz tax-xiri, tal-manutenzjoni u tal-aġġornament ta' tagħmir ta' kontroll doganali li jkun rilevanti u affidabbli u modern.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi terzi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni u kwalunkwe dħul ieħor assenjat imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-oġġett jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji bażitarji rilevanti.

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE) 2021/1077 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta' kontroll doganali (ĠU L 234, 2.7.2021, p. 1, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1077/oj).

11 03 01 Strument ta' appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta' kontroll doganali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2025		Bagit emendatorju Nru 3/2025		Ammont ġdid	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
78 214 000	55 790 910	– 78 032 393	– 47 859 845	181 607	7 931 065

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 11 — ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI

KAPITOLU 11 03 — FOND GĦALL-ĠESTJONI INTEGRATA TAL-FRUNTIERI (IBMF) — STRUMENT TA' APPOĠĠ FINANZJARJU GĦAT-TAGĦMIR TA' KONTROLL DOGANALI *(ikompli)*

11 03 01 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tappoġġa x-xiri, il-manutenzjoni u l-aġġornament ta' tagħmir ta' kontroll doganali li għandu skop ta' kontrolli doganali wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:

— spezzjoni mhux invażiva;

— indikazzjoni ta' oġġetti moħbija fuq il-bnedmin;

— detezzjoni tar-radjazzjoni u identifikazzjoni tan-nuklidi;

— analiżi tal-kampjuni fil-laboratorju;

— teħid ta' kampjuni u l-analiżi fuq il-post ta' kampjuni;

— it-tiftix b'apparat portabbli.

B'mod addizzjonali l-Istrument ta' appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta' kontroll doganali (l-"Istrument") jista' jkopri x-xiri, il-manutenzjoni u l-aġġornament tat-tagħmir tal-kontrolli doganali għall-ittestjar ta' biċċiet ġodda ta' tagħmir jew ta' funzjonalitajiet ġodda f'kundizzjonijiet operazzjonali. L-Istrument jista' jkopri wkoll l-ispejjeż ta' tħejjija, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditu, ta' evalwazzjoni u ta' attivitajiet oħrajn għall-ġestjoni tal-Istrument u għall-evalwazzjoni tal-kisba tal-objettivi tiegħu.

L-Istrument jista', barra minn hekk, ikopri l-ispejjeż relatati ma' studji, mal-laqgħat tal-esperti, mal-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni, li jkunu relatati mal-għanijiet tal-Istrument, kif ukoll l-ispejjeż marbutin man-netwerks tat-teknoloġija tal-informazzjoni li jiffukaw fuq l-ipproċessar u l-iskambju tal-informazzjoni, fosthom l-għodod korporattivi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u assistenza teknika u amministrattiva oħra meħtieġa b'rabta mal-ġestjoni tal-Istrument.

IL-KUMMISSJONI

TITOLU 16

NEFQA LIL HINN MIL-LIMITI MASSIMI ANNWALI STIPULATI FIL-QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 16 — NEFQA LIL HINN MIL-LIMITI MASSIMI ANNWALI STIPULATI FIL-QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI

TITOLU 16

NEFQA LIL HINN MIL-LIMITI MASSIMI ANNWALI STIPULATI FIL-QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI

Titolu Kapitolu	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2025		Bagit emendatorju Nru 3/2025		Ammont gdid	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
16 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ LIL HINN MIL-LIMITI MASSIMI ANNWALI STIPULATI FIL-QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI	43 438 898	43 438 898			43 438 898	43 438 898
16 02	MOBILIZZAZZJONI TAL-MEKKANIŻMI TA' SOLIDARJETÀ (STRUMENTI SPEĊJALI)	50 000 000	55 000 000			50 000 000	55 000 000
16 03	SOSTENN GĦALL-INNOVAZZJONI FIT-TEKNOLOĠIJI U L-PROĊESSI B'LIVELL BAXX TA' EMISSJONIJIET TAL-KARBONJU SKONT IS-SISTEMA GĦAN-NEGOZJAR TAL-EMISSJONIJIET (EMISSION TRADING SYSTEM, ETS)	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
16 04	GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
16 05	NEFQA OĦRA	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
16 06	FAĊILITÀ GĦALL-UKRAJNA	4 276 947 744	3 230 138 077		– 469 000 000	4 276 947 744	2 761 138 077
	Titolu 16 — Total	**4 370 386 642**	**3 328 576 975**		**– 469 000 000**	**4 370 386 642**	**2 859 576 975**

TITOLU 16

NEFQA LIL HINN MIL-LIMITI MASSIMI ANNWALI STIPULATI FIL-QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI

KAPITOLU 16 06 — FAĊILITÀ GĦALL-UKRAJNA

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2025		Bagit emendatorju Nru 3/2025		Ammont ġdid	
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
16 06	FAĊILITÀ GĦALL-UKRAJNA							
16 06 01	***Pilastru I: Pjan għall-Ukrajna***	O	1 500 000 000	1 500 000 000			1 500 000 000	1 500 000 000
16 06 02	***Pilastru II: Qafas ta' Investiment għall-Ukrajna***							
16 06 02 01	Proviżjonament tal-fond ta' proviżjonament komuni	O	1 092 000 000	400 000 000			1 092 000 000	400 000 000
16 06 02 02	Azzjonijiet oħra taħt il-Qafas ta' Investiment tal-Ukrajna	O	451 770 000	496 947 000		– 400 000 000	451 770 000	96 947 000
	Artikolu 16 06 02 — Sub-total		1 543 770 000	896 947 000		– 400 000 000	1 543 770 000	496 947 000
16 06 03	***Pilastru III: Assistenza tal-Unjoni għall-adeżjoni u miżuri ta' appoġġ***							
16 06 03 01	Assistenza ta' adeżjoni tal-Unjoni u miżuri oħra	O	155 000 000	77 500 000			155 000 000	77 500 000
16 06 03 02	Sussidju għall-kostijiet tas-self	O	612 324 102	612 324 102		– 69 000 000	612 324 102	543 324 102
16 06 03 03	Proviżjonament tal-Fond ta' proviżjonament Komuni - Legat	O	465 853 642	143 366 975			465 853 642	143 366 975
	Artikolu 16 06 03 — Sub-total		1 233 177 744	833 191 077		– 69 000 000	1 233 177 744	764 191 077
	Kapitolu 16 06 — Total		**4 276 947 744**	**3 230 138 077**		**– 469 000 000**	**4 276 947 744**	**2 761 138 077**

Kummenti

L-approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex jipprovdu appoġġ finanzjarju prevedibbli lill-Ukrajna matul il-perjodu 2024-2027. Il-Faċilità se tappoġġa l-isforzi tal-Ukrajna biex issostni l-istabbiltà makrofinanzjarja, tippromwovi l-irkupru kif ukoll timmodernizza l-pajjiż filwaqt li timplimenta riformi ewlenin fil-proċess ta' adeżjoni tagħha mal-Unjoni. Il-Faċilità hija mfassla bħala strument flessibbli, adattat għall-isfidi bla preċedent tal-appoġġ ta' pajjiż fi gwerra, filwaqt li tiżgura l-prevedibbiltà, it-trasparenza u r-responsabbiltà tal-fondi.

Ir-riżorsi massimi għall-implimentazzjoni tal-Faċilità huma ta' EUR50 000 000 000(fi prezzijiet attwali) għall-2024–2027, li minnhom sa EUR33 000 000 000fil-forma ta' self u sa EUR17 000 000 000fil-forma ta' appoġġ għajr fil-forma ta' self, li huwa rilevanti għan-nefqa taħt dan il-kapitolu. L-appoġġ disponibbli għajr fil-forma ta' self f'sena partikolari ma għandux jaqbeż l-EUR5 000 000 000, f'konformità mad-dispożizzjoni rilevanti tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093. L-Istati Membri, il-pajjiżi terzi, l-organizzazzjonijiet internazzjonali, l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali jew sorsi oħra jistgħu jipprovdu kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali lill-Faċilità. Skont l-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul assenjat imdaħħal fid-dikjarazzjoni tad-dħul jagħti lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni f'konformità ma' dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-oġġett jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2093/oj).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2024/765 tad-29 ta' Frar 2024li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L, 2024/765, 29.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/765/oj).

Ir-Regolament (UE) 2024/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna (ĠU L, 2024/792, 29.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/792/oj).

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj), u b'mod partikolari t-Titolu X tiegħu.

16 06 02 Pilastru II: Qafas ta' Investiment għall-Ukrajna

Kummenti

Skont il-Qafas ta' Investiment għall-Ukrajna, il-Kummissjoni għandha tipprovdi l-appoġġ tal-Unjoni lill-Ukrajna fil-forma ta' garanzija baġitarja, strumenti finanzjarji jew operazzjonijiet ta' taħlit, inkluża assistenza teknika. Dak il-Qafas għandu l-għan li jattira u jimmobilizza l-investimenti privati u pubbliċi fl-irkupru u r-rikostruzzjoni tal-Ukrajna, filwaqt li jindirizza l-prijoritajiet identifikati fil-Pjan għall-Ukrajna, u jappoġġa l-objettivi u l-implimentazzjoni tiegħu. Dan se jikkomplementa l-istrumenti eżistenti kollha li jappoġġaw lill-Ukrajna, bħall-garanziji baġitarji u l-operazzjonijiet ta' taħlit, bil-possibbiltà li dawn jiżdiedu, meta l-kundizzjonijiet jippermettu dan.

16 06 02 02 Azzjonijiet oħra taħt il-Qafas ta' Investiment tal-Ukrajna

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2025		Baġit emendatorju Nru 3/2025		Ammont ġdid	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
451 770 000	496 947 000		– 400 000 000	451 770 000	96 947 000

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-appoġġ tal-Unjoni lill-Ukrajna fil-forma ta' strumenti finanzjarji u operazzjonijiet ta' taħlit, inkluża assistenza teknika, skont il-Qafas ta' Investiment tal-Ukrajna. Id-dħul assenjat jista' jagħti lok għal approprjazzjonijiet addizzjonali.

KAPITOLU 16 06 — FAĊILITÀ GĦALL-UKRAJNA *(ikompli)*

16 06 03 Pilastru III: Assistenza tal-Unjoni għall-adeżjoni u miżuri ta' appoġġ

Kummenti

Din l-approprjazzjoni tipprovdi assistenza teknika u miżuri oħra ta' appoġġ, inkluż il-mobilizzazzjoni tal-għarfien espert dwar ir-riformi, l-appoġġ lill-muniċipalitajiet, lis-soċjetà ċivili u forom oħra ta' appoġġ bilaterali biex jitfasslu u jiġu implimentati riformi relatati mal-adeżjoni tal-Ukrajna għall-Unjoni u biex titrawwem il-kapaċità amministrattiva tal-Ukrajna, b'appoġġ għall-objettivi tal-Pjan. Tista' tappoġġa wkoll miżuri oħra mmirati biex jindirizzaw il-konsegwenzi tal-gwerra, pereżempju relatati mal-infurzar tal-ġustizzja internazzjonali. Dan l-artikolu se jkopri wkoll il-kostijiet tal-funzjonament tal-Bord tal-Verifika tal-Faċilità tal-Ukrajna (inkluż ir-remunerazzjoni ta' konsulenti speċjali, l-ispejjeż tal-missjoni tagħhom u l-kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni tal-istituzzjoni) kif ukoll is-sussidji tar-rata tal-imgħax għas-self ipprovdut lill-Ukrajna skont il-Pilastru I u skont id-Deċiżjoni (UE) 2022/1201 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali lill-Ukrajna (ĠU L 186, 13.7.2022, p. 1, ELI:http://data.europa.eu/eli/dec/2022/1201/oj) u d-Deċiżjoni (UE) 2022/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Settembru 2022li tipprovdi assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali lill-Ukrajna, li ssaħħaħ il-fond ta' proviżjonament komuni permezz ta' garanziji mill-Istati Membri u permezz ta' proviżjonament speċifiku għal xi obbligazzjonijiet finanzjarji relatati mal-Ukrajna ggarantiti skont id-Deċiżjoni 466/2014/UE, u li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2022/1201 (ĠU L 245, 22.9.2022, p. 1, ELI:http://data.europa.eu/eli/dec/2022/1628/oj) u l-proviżjonament ta' ċerti obbligazzjonijiet speċifikati relatati mal-appoġġ tal-Unjoni lill-Ukrajna deċiżi qabel l-istabbiliment tal-Faċilità tal-Ukrajna.

16 06 03 02 Sussidju għall-kostijiet tas-self

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2025		Baġit emendatorju Nru 3/2025		Ammont ġdid	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
612 324 102	612 324 102		– 69 000 000	612 324 102	543 324 102

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-sussidju tal-kost tas-self fuq self ipprovdut lill-Ukrajna permezz tal-Faċilità għall-Ukrajna. Hija maħsuba wkoll biex tkopri s-sussidji tar-rata tal-imgħax għal self ta' assistenza makrofinanzjarja mogħtija skont id-Deċiżjoni (UE) 2022/1201, b'deroga mill-Artikolu 1(3) tagħha, u d-Deċiżjoni (UE) 2022/1628, b'deroga mill-Artikolu 6(3) tagħha.

IL-KUMMISSJONI

TITOLU 20

NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-KUMMISSJONI EWROPEA

TITOLU 20

NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-KUMMISSJONI EWROPEA

Titolu Kapitolu	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2025	Bagit emendatorju Nru 3/2025	Ammont gdid
20 01	MEMBRI, UFFIĊJALI U AĠENTI TEMPORANJI	2 947 454 000	– 40 638 000	2 906 816 000
	Riżervi (30 01 01)	*1 656 792*		*1 656 792*
		2 949 110 792	– 40 638 000	2 908 472 792
20 02	PERSUNAL IEĦOR U NEFQA RELATATA MA' PERSUNI	298 434 058	– 1 938 837	296 495 221
	Riżervi (30 01 01)	*826 368*		*826 368*
		299 260 426	– 1 938 837	297 321 589
20 03	NEFQA OPERATORJA AMMINISTRATTIVA	967 950 223	– 4 410 000	963 540 223
	Riżervi (30 01 01)	*1 288 128*		*1 288 128*
		969 238 351	– 4 410 000	964 828 351
20 04	NEFQA RELATATA MAT-TEKNOLOĠIJI TAL-INFORMAZZJONI U TAL-KOMUNIKAZZJONI	239 675 421		239 675 421
20 10	AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI	p.m.		p.m.
	Titolu 20 — Total	**4 453 513 702**	**– 46 986 837**	**4 406 526 865**
	Riżervi (30 01 01)	***3 771 288***		***3 771 288***
	Total inkluži r-riżervi	**4 457 284 990**	**– 46 986 837**	**4 410 298 153**

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 20 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-KUMMISSJONI EWROPEA

TITOLU 20

NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-KUMMISSJONI EWROPEA

KAPITOLU 20 01 — MEMBRI, UFFIĊJALI U AĠENTI TEMPORANJI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2025	Baġit emendatorju Nru 3/2025	Ammont ġdid
20 01	MEMBRI, UFFIĊJALI U AĠENTI TEMPORANJI				
20 01 01	***Membri***				
20 01 01 01	Salarji, gratifiki u pagamenti ta' Membri tal-istituzzjoni	7.2	14 090 000	– 273 000	13 817 000
20 01 01 02	Nefqa maniġerjali oħra tal-Membri tal-istituzzjoni	7.2	3 130 000		3 130 000
20 01 01 03	Gratifiki ta' Membri preċedenti	7.2	4 511 000	– 2 400 000	2 111 000
	Artikolu 20 01 01 — Sub-total		21 731 000	– 2 673 000	19 058 000
20 01 02	***Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju***				
20 01 02 01	Rimunerazzjoni u gratifiki — Kwartieri u uffiċċji ta' Rappreżentanza	7.2	2 715 111 000	– 31 100 000	2 684 011 000
	Riżervi (30 01 01)		*1 656 792*		*1 656 792*
			2 716 767 792	– 31 100 000	2 685 667 792
20 01 02 02	Spejjeż u gratifiki konnessi mar-reklutaġġ, trasferimenti u terminazzjoni tas-servizz — Kwartieri u uffiċċji ta' Rappreżentanza	7.2	16 313 000	– 265 000	16 048 000
20 01 02 03	Rimunerazzjoni u gratifiki — delegazzjonijiet tal-Unjoni	7.2	155 610 000	– 6 165 000	149 445 000
20 01 02 04	Spejjeż u gratifiki konnessi mar-reklutaġġ, trasferimenti u terminazzjoni tas-servizz — delegazzjonijiet tal-Unjoni	7.2	9 162 000		9 162 000
	Artikolu 20 01 02 — Sub-total		2 896 196 000	– 37 530 000	2 858 666 000
	Riżervi (30 01 01)		*1 656 792*		*1 656 792*
			2 897 852 792	– 37 530 000	2 860 322 792
20 01 03	***Uffiċjali li huma assenjati temporanjament mas-servizzi ċivili nazzjonali, organizzazzjonijiet internazzjonali jew istituzzjonijiet jew impriżi pubbliċi jew privati***	7.2	200 000		200 000
20 01 04	***Uffiċjali bi status mhux attiv, irtirati fl-interess tas-servizz jew imkeċċija***	7.2	7 683 000	– 435 000	7 248 000

KAPITOLU 20 01 — MEMBRI, UFFIĊJALI U AĠENTI TEMPORANJI *(ikompli)*

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2025	Bagit emendatorju Nru 3/2025	Ammont ġdid
20 01 05	***Politika tal-persunal u maniġment***				
20 01 05 01	Servizz mediku	7.2	5 414 000		5 414 000
20 01 05 02	Faċilitajiet tat-tħaris tat-tfal	7.2	6 170 000		6 170 000
20 01 05 03	Nefqa soċjali oħra	7.2	5 929 000		5 929 000
20 01 05 04	Mobbiltà	7.2	1 921 000		1 921 000
20 01 05 05	Nefqa għal kompetizzjonijiet, selezzjonijiet u reklutaġġ	7.2	2 210 000		2 210 000
	Artikolu 20 01 05 — Sub-total		21 644 000		21 644 000
	Kapitolu 20 01 — Total		**2 947 454 000**	**– 40 638 000**	**2 906 816 000**
	Riżervi (30 01 01)		***1 656 792***		***1 656 792***
	Total inklużi r-riżervi		**2 949 110 792**	**– 40 638 000**	**2 908 472 792**

20 01 01 Membri

20 01 01 01 Salarji, gratifiki u pagamenti ta' Membri tal-istituzzjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2025	Bagit emendatorju Nru 3/2025	Ammont ġdid
14 090 000	– 273 000	13 817 000

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri:

— is-salarji bażiċi tal-Membri tal-Kummissjoni,

— il-gratifiki tar-residenza tal-Membri tal-Kummissjoni,

— il-gratifiki tal-familja tal-Membri tal-Kummissjoni, li jikkomprendu:

  — il-gratifika tal-unità domestika,

  — il-gratifika tat-tfal dipendenti,

  — il-gratifika tal-edukazzjoni,

  — il-gratifiki tar-rappreżentazzjoni tal-Membri tal-Kummissjoni,

  — il-kontribuzzjoni tal-impjegatur għal assigurazzjoni kontra l-mard u l-aċċidenti kkawżati fuq il-post tax-xogħol għal Membri tal-Kummissjoni,

  — għotjiet tat-twelid,

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 20 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-KUMMISSJONI EWROPEA

KAPITOLU 20 01 — MEMBRI, UFFIĊJALI U AĠENTI TEMPORANJI *(ikompli)*

20 01 01 *(ikompli)*

20 01 01 01 *(ikompli)*

— fil-każ ta' mewt ta' Membru tal-Kummissjoni:

  — ir-remunerazzjoni sħiħa tal-mejjet sal-aħħar tat-tielet xahar wara dak meta tkun seħħet il-mewt,

  — il-kostijiet tat-trasport tal-ġisem lejn il-post ta' oriġini tad-deċedut,

— il-kost tal-ponderazzjonijiet applikati għall-emolumenti,

— il-kost tal-ponderazzjoni applikat għal parti tal-emolumenti trasferiti lejn pajjiż li mhux il-pajjiż tal-impjieg,

— il-kost ta' kwalunkwe aġġornament ta' rimunerazzjoni matul is-sena finanzjarja.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tipprovdi għal kull approprjazzjoni li tista' tkun meħtieġa biex tkopri:

— spejjeż tal-ivvjaġġar dovuti lill-Membri tal-Kummissjoni (inkluż il-familji tagħhom) meta jidħlu fl-inkarigu jew meta jħallu l-istituzzjoni,

— gratifiki tal-insedjament u risistemazzjoni dovuti lill-Membri tal-Kummissjoni meta jidħlu fl-inkarigu jew iħallu l-istituzzjoni,

— spejjeż tal-ġarr dovuti lill-Membri tal-Kummissjoni meta jidħlu fl-inkarigu jew iħallu l-istituzzjoni.

Bażiġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/300 tad-29 ta' Frar 2016li jiddetermina l-emolumenti ta' persuni f'karigi pubbliċi għolja tal-UE (ĠU L 58, 4.3.2016, p. 1, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2016/300/oj).

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).

20 01 01 03 Gratifiki ta' Membri preċedenti

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2025	Baġit emendatorju Nru 3/2025	Ammont ġdid
4 511 000	– 2 400 000	2 111 000

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri:

— gratifiki transitorji,

KAPITOLU 20 01 — MEMBRI, UFFIĊJALI U AĠENTI TEMPORANJI *(ikompli)*

20 01 01 *(ikompli)*

20 01 01 03 *(ikompli)*

— gratifiki għall-familja,

tal-Membri tal-Kummissjoni wara tmiem is-servizz.

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata wkoll biex tkopri l-kost tal-ponderazzjonijiet applikati fuq gratifiki temporanji ta' membri li spiċċaw mill-Kummissjoni u ta' persuni oħra intitolati għal dawn il-pagamenti.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kost ta' kwalunkwe aġġornamenti għall-gratifiki temporanji matul is-sena finanzjarja.

Bażiġuridika

Ir-Regolament Nru 422/67/KEE, Nru 5/67/Euratom tal-Kunsill tal-25 ta' Lulju 1967, li jistabbilixxi l-emolumenti tal-President u tal-Membri tal-Kummissjoni, tal-President, tal-Imħallfin, tal-Avukati Ġenerali u tar-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-President, tal-Membri u tar-Reġistratur tal-Qorti Ġenerali, kif ukoll tal-President, tal-Membri u tar-Reġistratur tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (ĠU 187, 8.8.1967, p. 1, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/1967/422/oj).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2016/300 tad-29 ta' Frar 2016li jiddetermina l-emolumenti ta' persuni f'karigi pubbliċi għolja tal-UE (ĠU L 58, 4.3.2016, p. 1, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2016/300/oj).

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).

20 01 02 ***Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju***

20 01 02 01 Rimunerazzjoni u gratifiki — Kwartieri u uffiċċji ta' Rappreżentanza

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

	Approprjazzjonijiet 2025	Baġit emendatorju Nru 3/2025	Ammont ġdid
20 01 02 01	2 715 111 000	– 31 100 000	2 684 011 000
Riżervi (30 01 01)	*1 656 792*		*1 656 792*
Total	2 716 767 792	– 31 100 000	2 685 667 792

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 20 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-KUMMISSJONI EWROPEA

KAPITOLU 20 01 — MEMBRI, UFFIĊJALI U AĠENTI TEMPORANJI *(ikompli)*

20 01 02 *(ikompli)*

20 01 02 01 *(ikompli)*

Kummenti

Bl-eċċezzjoni ta' persunal li jservi f'terzi pajjiżi, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri, fir-rigward ta' uffiċjali u aġenti temporanji li jkollhom kariga fuq il-pjan ta' stabbiliment:

— salarji, gratifiki u pagamenti oħra relatati mas-salarji,

— assigurazzjoni kontra l-inċidenti u l-mard u ħlasijiet oħra ta' sigurtà soċjali,

— assigurazzjoni kontra l-qgħad għall-aġenti temporanji u pagamenti li għandhom isiru mill-Kummissjoni lill-aġenti temporanji sabiex dawn jiksbu jew iżommu d-drittijiet għall-pensjoni fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom,

— gratifiki u għotjiet mixxellanji,

— fir-rigward ta' uffiċjali u aġenti temporanji, gratifiki għal xogħol bix-xift jew dmir ta' standby fil-post tax-xogħol jew id-dar,

— gratifiki fil-każ ta' tkeċċija ta' uffiċjal fil-prova għal nuqqasijiet ovvji,

— gratifiki fil-każ ta' kanċellament minn istituzzjoni tal-kuntratt ta' persunal temporanju,

— rimborż tan-nefqa fuq miżuri ta' sigurtà fid-djar tal-uffiċjali li jaħdmu f'Rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Unjoni u f'delegazzjonijiet tal-Unjoni fit-territorju tal-Unjoni,

— gratifiki b'rati fissi u pagamenti bis-siegħa għal sahra maħduma mill-uffiċjali fil-kategorija AST li ma jistgħux ikunu kkumpensati, skont arranġamenti prestabbiliti, b'ħin liberu,

— il-kost tal-applikazzjoni tal-koeffiċjenti tal-korrezzjoni għar-rimunerazzjoni tal-uffiċjali u l-aġenti temporanji u l-kost tal-applikazzjoni tal-koeffiċjenti tal-korrezzjoni għall-parti mill-emolumenti trasferiti lejn pajjiż differenti minn dak tal-impjieg,

— il-kost ta' kwalunkwe aġġornament ta' rimunerazzjoni matul is-sena finanzjarja.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Dħul assenjat ieħor	58 415 055 3 2 0 1

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Ħaddiema Oħra tal-Unjoni Ewropea.

KAPITOLU 20 01 — MEMBRI, UFFIĊJALI U AĠENTI TEMPORANJI *(ikompli)*

20 01 02 *(ikompli)*

20 01 02 02 Spejjeż u gratifiki konnessi mar-reklutaġġ, trasferimenti u terminazzjoni tas-servizz — Kwartieri u uffiċċji ta' Rappreżentanza

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2025	Baġit emendatorju Nru 3/2025	Ammont ġdid
16 313 000	– 265 000	16 048 000

Kummenti

Bl-eċċezzjoni ta' persunal li jservi f'terzi pajjiżi, din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri, fir-rigward ta' uffiċjali u aġenti temporanji li jkollhom kariga fuq il-pjan ta' stabbiliment:

— l-ispejjeż tal-ivvjaġġar dovuti lill-uffiċjali u lill-aġenti temporanji (inklużi l-familji tagħhom) meta jidħlu fil-kariga, meta jitilqu mis-servizz jew inkella fi trasferiment lejn post ta' impjieg ieħor,

— gratifiki ta' stallazzjoni jew risistemazzjoni dovuti lill-uffiċjali u lill-aġenti temporanji li jkollhom jibdlu l-post tar-residenza tagħhom meta jibdew dmirijiethom, meta jittrasferixxu lejn post ġdid ta' impjieg u meta jħallu s-servizz u jmorru jgħixu xi mkien ieħor,

— spejjeż tal-ġarr dovuti lill-uffiċjali u lill-aġenti temporanji li jkollhom jibdlu l-post tar-residenza tagħhom meta jibdew dmirijiethom, meta jittrasferixxu lejn post ġdid ta' impjieg u meta jħallu s-servizz u jmorru jgħixu xi mkien ieħor,

— kumpens għas-sussistenza għal kull jum għall-uffiċjali u l-aġenti temporanji li jipprovdu xhieda li jkollhom ibiddlu l-post tar-residenza tagħhom meta jibdew dmirijiethom jew meta jittrasferixxu lejn post ġdid ta' impjieg,

— spejjeż tranżitorji għall-uffiċjali assenjati f'postijiet fi Stati Membri ġodda qabel l-adeżjoni li jintalbu jibqgħu fis-servizz f'dawn l-Istati Membri wara d-data tal-adeżjoni, u li jkunu intitolati, eċċezzjonalment, għall-istess kundizzjonijiet finanzjarji u materjali applikati mill-Kummissjoni qabel l-adeżjoni, skont l-Anness X tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Ħaddiema Oħra tal-Unjoni Ewropea.

20 01 02 03 Rimunerazzjoni u gratifiki — delegazzjonijiet tal-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2025	Baġit emendatorju Nru 3/2025	Ammont ġdid
155 610 000	– 6 165 000	149 445 000

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 20 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-KUMMISSJONI EWROPEA

KAPITOLU 20 01 — MEMBRI, UFFIĊJALI U AĠENTI TEMPORANJI *(ikompli)*

20 01 02 *(ikompli)*

20 01 02 03 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hi maħsuba biex tkopri, fir-rigward ta' uffiċjali u aġenti temporanji li jkollhom kariga fuq il-pjan ta' stabbiliment tal-Kummissjoni fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni f'pajjiżi terzi u f'organizzazzjonijiet internazzjonali:

— salarji, gratifiki u pagamenti marbuta mas-salarji,

— assigurazzjoni kontra l-inċidenti u l-mard u ħlasijiet oħra ta' sigurtà soċjali,

— assigurazzjoni kontra l-qgħad għall-ħaddiema temporanji u ħlasijiet biex iwaqqfu jew iżommu għalihom id-drittijiet tal-pensjoni fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom,

— gratifiki u għotjiet mixxellanji,

— sahra,

— il-kost tal-applikazzjoni tal-koeffiċjent tal-korrezzjoni għar-remunerazzjoni ta' uffiċjali u aġenti temporanji,

— il-kost ta' kwalunkwe aġġornament ta' rimunerazzjoni matul is-sena finanzjarja.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Ħaddiema Oħra tal-Unjoni Ewropea.

20 01 04 ***Uffiċjali bi status mhux attiv, irtirati fl-interess tas-servizz jew imkeċċija***

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2025	Baġit emendatorju Nru 3/2025	Ammont ġdid
7 683 000	– 435 000	7 248 000

Kummenti

Din l-approprjazzjoni maħsuba biex tkopri gratifiki għall-uffiċjali:

— assenjati għall-istatus mhux attiv wara tnaqqis fin-numri ta' karigi fl-istituzzjoni,

— li jkollhom kariga ta' grad AD 16, AD 15 jew AD 14 li jkunu rtirati fl-interess tas-servizz,

— impoġġija permezz ta' deċiżjoni tal-awtorità tal-ħatra fuq leave fl-interess tas-servizz għall-ħtiġijiet organizzattivi marbuta mal-akkwist ta' kompetenzi ġodda fi ħdan l-istituzzjonijiet.

KAPITOLU 20 01 — MEMBRI, UFFIĊJALI U AĠENTI TEMPORANJI *(ikompli)*

20 01 04 *(ikompli)*

Tkopri wkoll nefqa ġejja mill-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill fuq miżuri speċjali jew temporanji għat-tmiem tas-servizz ta' uffiċjali jew persunal temporanju.

Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata wkoll biex tkopri l-kontribuzzjoni tal-impjegatur għall-assigurazzjoni tal-mard għall-persuni li jirċievu gratifiki għall-għoti ta' status mhux attiv, irtirar fl-interess tas-servizz jew tkeċċija.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kost ta' kwalunkwe aġġornament għall-gratifiki matul is-sena finanzjarja.

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 20 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-KUMMISSJONI EWROPEA

KAPITOLU 20 02 — PERSUNAL IEĦOR U NEFQA RELATATA MA' PERSUNI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2025	Baġit emendatorju Nru 3/2025	Ammont ġdid
20 02	PERSUNAL IEĦOR U NEFQA RELATATA MA' PERSUNI				
20 02 01	***Persunal estern — Kwartieri***				
20 02 01 01	Aġenti kuntrattwali	7.2	104 596 958	– 1 899 445	102 697 513
	Riżervi (30 01 01)		*814 368*		*814 368*
			105 411 326	– 1 899 445	103 511 881
20 02 01 02	Persunal temporanju permezz ta' aġenzija u assistenza teknika b'sostenn ta' attivitajiet varji	7.2	12 309 939	– 31 052	12 278 887
20 02 01 03	Ħaddiema taċ-ċivil nazzjonali assenjati temporanjament mal-istituzzjoni	7.2	49 412 991	– 8 340	49 404 651
	Artikolu 20 02 01 — Sub-total		166 319 888	– 1 938 837	164 381 051
	Riżervi (30 01 01)		*814 368*		*814 368*
			167 134 256	– 1 938 837	165 195 419
20 02 02	***Persunal estern — Rappreżentanzi tal-Kummissjoni***				
20 02 02 01	Aġenti kuntrattwali	7.2	21 039 018		21 039 018
	Riżervi (30 01 01)		*12 000*		*12 000*
			21 051 018		21 051 018
20 02 02 02	Aġent lokali	7.2	1 577 000		1 577 000
20 02 02 03	Persunal tal-aġenziji	7.2	509 500		509 500
20 02 02 04	Sahra tal-persunal estern	7.2	10 000		10 000
	Artikolu 20 02 02 — Sub-total		23 135 518		23 135 518
	Riżervi (30 01 01)		*12 000*		*12 000*
			23 147 518		23 147 518
20 02 03	***Persunal estern — Delegazzjonijiet tal-Unjoni***				
20 02 03 01	Aġenti kuntrattwali	7.2	768 000		768 000
20 02 03 02	Persunal lokali	7.2	11 703 000		11 703 000
20 02 03 03	Persunal tal-aġenziji	7.2	67 000		67 000

KAPITOLU 20 02 — PERSUNAL IEĦOR U NEFQA RELATATA MA' PERSUNI *(ikompli)*

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2025	Baġit emendatorju Nru 3/2025	Ammont ġdid
20 02 03	*(ikompli)*				
20 02 03 04	Taħriġ ta' esperti subalterni u esperti nazzjonali sekondati	7.2	2 673 000		2 673 000
20 02 03 05	Spejjeż ta' persunal ieħor u ħlas għal servizzi oħra	7.2	513 000		513 000
	Artikolu 20 02 03 — Sub-total		15 724 000		15 724 000
20 02 04	***Kost tal-organizzar ta' apprendistat tal-gradwati mal-istituzzjoni***	7.2	13 900 000		13 900 000
20 02 05	***Konsulenti speċjali***	7.2	1 550 000		1 550 000
20 02 06	***Nefqa maniġerjali oħra — Kwartieri***				
20 02 06 01	Spejjeż tal-missjonijiet u r-rappreżentazzjonijiet	7.2	38 223 000		38 223 000
20 02 06 02	Laqgħat, gruppi ta' esperti u spejjeż tal-konferenzi	7.2	10 832 400		10 832 400
20 02 06 03	Laqgħat tal-kumitati	7.2	4 900 252		4 900 252
20 02 06 04	Studji u konsultazzjonijiet	7.2	5 550 000		5 550 000
20 02 06 05	Taħriġ ulterjuri u taħriġ maniġerjali	7.2	10 260 000		10 260 000
	Artikolu 20 02 06 — Sub-total		69 765 652		69 765 652
20 02 07	***Nefqa maniġerjali oħra — Delegazzjonijiet tal-Unjoni***				
20 02 07 01	Spejjeż tal-missjonijiet u r-rappreżentazzjonijiet	7.2	5 329 000		5 329 000
20 02 07 02	Taħriġ ulterjuri	7.2	400 000		400 000
	Artikolu 20 02 07 — Sub-total		5 729 000		5 729 000
20 02 08	***Korsijiet tal-lingwi***	7.2	2 310 000		2 310 000
	Kapitolu 20 02 — Total		**298 434 058**	**– 1 938 837**	**296 495 221**
	Riżervi (30 01 01)		***826 368***		***826 368***
	Total inklużi r-riżervi		**299 260 426**	**– 1 938 837**	**297 321 589**

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 20 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-KUMMISSJONI EWROPEA

KAPITOLU 20 02 — PERSUNAL IEĦOR U NEFQA RELATATA MA' PERSUNI *(ikompli)*

20 02 01 Persunal estern — Kwartieri

20 02 01 01 Aġenti kuntrattwali

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

	Approprjazzjonijiet 2025	Baġit emendatorju Nru 3/2025	Ammont ġdid
20 02 01 01	104 596 958	– 1 899 445	102 697 513
Riżervi (30 01 01)	*814 368*		*814 368*
Total	105 411 326	– 1 899 445	103 511 881

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja li ssir fit-territorju tal-Unjoni:

— ir-remunerazzjoni ta' persunal b'kuntratt (fis-sens tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea), kontribuzzjonijiet tal-impjegatur għall-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persunal b'kuntratt u l-impatt tal-koeffiċjenti tal-korrezzjoni applikabbli għar-remunerazzjoni ta' dan il-persunal,

— somma biex tkopri r-remunerazzjoni ta' persunal b'kuntratt li jaġixxu bħala gwidi għall-persuni b'diżabbiltà,

— il-kost ta' kwalunkwe aġġornament ta' rimunerazzjoni matul is-sena finanzjarja.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Pajjiżi ohra	29 957 000	6 0 1, 6 0 2, 6 0 3, 6 0 4, 6 0 9, 6 1 1, 6 1 2, 6 6 1 2
Dħul assenjat iehor	18 843 059	3 2 0 2

Bażiġuridika

Ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea.

Ir-regoli li jirregolaw in-nominazzjoni u r-rimunerazzjoni u l-kundizzjonijiet finanzjarji oħra adottati mill-Kummissjoni.

Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16, ELI:http://data.europa.eu/eli/dir/2000/78/oj).

Id-Deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Ġunju 2005dwar il-*Code of good practice for the employment of people with disabilities.*

KAPITOLU 20 02 — PERSUNAL IEĦOR U NEFQA RELATATA MA' PERSUNI *(ikompli)*

20 02 01 *(ikompli)*

20 02 01 02 Persunal temporanju permezz ta' aġenzija u assistenza teknika b'sostenn ta' attivitajiet varji

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2025	Baġit emendatorju Nru 3/2025	Ammont ġdid
12 309 939	– 31 052	12 278 887

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja li ssir fit-territorju tal-Unjoni:

— l-impjieg tal-persunal tal-aġenzija, partikolarment persunal klerikali u tajpisti stenografiċi,

— nefqa fuq persunal inkluż fil-kuntratti tas-servizz għal xogħol tekniku u amministrattiv u l-provvista ta' servizzi intellettwali, u nefqa fuq binjiet u tagħmir u spejjeż operatorji dwar dan it-tip ta' persunal,

— il-kost ta' kwalunkwe aġġornament ta' rimunerazzjoni matul is-sena finanzjarja.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	214 740 6 6 0 0

20 02 01 03 Ħaddiema taċ-ċivil nazzjonali assenjati temporanjament mal-istituzzjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet mhux differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2025	Baġit emendatorju Nru 3/2025	Ammont ġdid
49 412 991	– 8 340	49 404 651

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa li ġejja li ssir fit-territorju tal-Unjoni:

— il-kost ta' uffiċjali taċ-ċivil nazzjonali jew esperti sekondati oħra jew fuq ħidma temporanja mal-Kummissjoni jew mitluba għall-konsultazzjonijiet qosra, partikolarment biex jabbozzaw il-leġiżlazzjoni fuq l-armonizzazzjoni f'diversi oqsma; ikunu organizzati wkoll skambji biex ikun hemm applikazzjoni uniformi tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni mill-Istati Membri,

— il-kost ta' kwalunkwe aġġornament ta' rimunerazzjoni matul is-sena finanzjarja.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 20 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-KUMMISSJONI EWROPEA

KAPITOLU 20 03 — NEFQA OPERATORJA AMMINISTRATTIVA

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2025	Baġit emendatorju Nru 3/2025	Ammont ġdid
20 03	NEFQA OPERATORJA AMMINISTRATTIVA				
20 03 01	***Infrastruttura u loġistika — Brussell***				
20 03 01 01	Akkwiżizzjoni u kiri tal-binjiet	7.2	154 991 000		154 991 000
20 03 01 02	Nefqa relatata ma' binjiet	7.2	106 669 000		106 669 000
20 03 01 03	Tagħmir u għamara	7.2	15 906 000		15 906 000
20 03 01 04	Servizzi u nefqa operatorja oħra	7.2	8 580 000		8 580 000
	Artikolu 20 03 01 — Sub-total		286 146 000		286 146 000
20 03 02	***Infrastruttura u loġistika — Lussemburgu***				
20 03 02 01	Akkwiżizzjoni u kiri tal-binjiet	7.2	53 323 342		53 323 342
20 03 02 02	Nefqa relatata ma' binjiet	7.2	25 567 658		25 567 658
20 03 02 03	Tagħmir u għamara	7.2	1 725 000		1 725 000
20 03 02 04	Servizzi u nefqa operatorja oħra	7.2	844 500		844 500
	Artikolu 20 03 02 — Sub-total		81 460 500		81 460 500
20 03 03	***Infrastruttura u loġistika — Grange***				
20 03 03 01	Akkwiżizzjoni u kiri tal-binjiet	7.2	90 000		90 000
20 03 03 02	Nefqa relatata ma' binjiet	7.2	1 438 000		1 438 000
20 03 03 03	Tagħmir u għamara	7.2	556 000		556 000
20 03 03 04	Servizzi u nefqa operatorja oħra	7.2	12 000		12 000
	Artikolu 20 03 03 — Sub-total		2 096 000		2 096 000
20 03 04	***Infrastruttura u loġistika — Rappreżentanzi tal-Kummissjoni***				
20 03 04 01	Akkwiżizzjoni u kiri tal-binjiet	7.2	12 045 000		12 045 000
20 03 04 02	Nefqa relatata ma' binjiet	7.2	7 779 000		7 779 000
20 03 04 03	Tagħmir u għamara	7.2	2 019 000		2 019 000
20 03 04 04	Servizzi u nefqa operatorja oħra	7.2	449 000		449 000
	Artikolu 20 03 04 — Sub-total		22 292 000		22 292 000

KAPITOLU 20 03 — NEFQA OPERATORJA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2025	Baġit emendatorju Nru 3/2025	Ammont ġdid
20 03 05	***Infrastruttura u loġistika — Delegazzjonijiet tal-Unjoni***				
20 03 05 01	Akkwiżizzjoni, kiri u nefqa relatata	7.2	26 057 000		26 057 000
20 03 05 02	Nefqa relatata ma' binjiet	7.2	297 000		297 000
20 03 05 03	Tagħmir u għamara	7.2	224 000		224 000
	Artikolu 20 03 05 — Sub-total		26 578 000		26 578 000
20 03 06	***Proġetti ta' bini tal-Kummissjoni — Pagamenti bil-quddiem***	7.2	p.m.		p.m.
20 03 07	***Nefqa fuq is-sigurtà u l-kontroll***				
20 03 07 01	Sigurtà u monitoraġġ — Kwartieri ġenerali	7.2	17 443 000		17 443 000
20 03 07 02	Gwardja tal-binjiet — Brussell	7.2	35 860 000		35 860 000
20 03 07 03	Gwardja tal-binjiet — il-Lussemburgu	7.2	11 007 000		11 007 000
20 03 07 04	Sigurtà — Grange	7.2	510 000		510 000
20 03 07 05	Sigurtà — Rappreżentanzi tal-Kummissjoni	7.2	3 600 000		3 600 000
20 03 07 06	Sigurtà — Delegazzjonijiet tal-Unjoni	7.2	6 151 000		6 151 000
	Artikolu 20 03 07 — Sub-total		74 571 000		74 571 000
20 03 08	***Pubblikazzjonijiet u informazzjoni***				
20 03 08 01	Pubblikazzjonijiet	7.2	1 081 000		1 081 000
20 03 08 02	Akkwist ta' riżorsi ta' data, riċerka u informazzjoni b'appoġġ għat-tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza	7.2	2 880 000		2 880 000
20 03 08 03	Xiri ta' informazzjoni	7.2	3 902 000		3 902 000
20 03 08 04	Kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-operazzjoni tal-arkivji storiċi tal-Unjoni	7.2	1 648 727		1 648 727
	Artikolu 20 03 08 — Sub-total		9 511 727		9 511 727
20 03 09	***Nefqa b'rabta ġuridika***				
20 03 09 01	Konsulenza ġuridika, litigazzjoni u ksur — Spejjeż ġuridiċi	7.2	4 000 000		4 000 000
20 03 09 02	Spejjeż ġuridiċi — Rappreżentanzi tal-Kummissjoni	7.2	5 000		5 000

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 20 — NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-KUMMISSJONI EWROPEA

KAPITOLU 20 03 — NEFQA OPERATORJA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2025	Baġit emendatorju Nru 3/2025	Ammont ġdid
20 03 09	*(ikompli)*				
20 03 09 03	Ħsarat	7.2	75 000		75 000
20 03 09 04	Talbiet għad-danni li jirriżultaw minn proċedimenti ġuridiċi kontra d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni fil-qasam tal-politika tal-kompetizzjoni	7.2	p.m.		p.m.
	Artikolu 20 03 09 — Sub-total		4 080 000		4 080 000
20 03 10	***Nefqa b'rabta mat-teżor***				
20 03 10 01	Imposti finanzjarji	7.2	446 300		446 300
20 03 10 02	Amministrazzjoni tat-teżorerija	7.2	p.m.		p.m.
20 03 10 03	Nefqa eċċezzjonali f'każ ta' kriżi	7.2	p.m.		p.m.
	Artikolu 20 03 10 — Sub-total		446 300		446 300
20 03 11	***Interpretazzjoni***				
20 03 11 01	Nefqa għall-interpretazzjoni	7.2	15 264 000		15 264 000
20 03 11 02	Appoġġ professjonali	7.2	150 000		150 000
20 03 11 03	Kooperazzjoni interistituzzjonali — Interpretazzjoni	7.2	80 000		80 000
	Artikolu 20 03 11 — Sub-total		15 494 000		15 494 000
20 03 12	***Organizzazzjoni ta' konferenzi***				
20 03 12 01	Tagħmir tekniku u servizzi għas-swali tal-konferenzi tal-Kummissjoni	7.2	8 000 000		8 000 000
20 03 12 02	Nefqa għall-organizzazzjoni ta' konferenzi	7.2	p.m.		p.m.
	Artikolu 20 03 12 — Sub-total		8 000 000		8 000 000
20 03 13	***Traduzzjoni***				
20 03 13 01	Nefqa għat-traduzzjoni	7.2	20 000 000		20 000 000
20 03 13 02	Kooperazzjoni interistituzzjonali — Traduzzjoni	7.2	p.m.		p.m.
	Artikolu 20 03 13 — Sub-total		20 000 000		20 000 000

KAPITOLU 20 03 — NEFQA OPERATORJA AMMINISTRATTIVA *(ikompli)*

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2025	Baġit emendatorju Nru 3/2025	Ammont ġdid
20 03 14	***Kontribuzzjonijiet varji***				
20 03 14 01	Kontribuzzjoni tal-Euratom għall-operat tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom	7.2	282 940		282 940
20 03 14 72	L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka — Kontribuzzjoni għall-implimentazzjoni tal-Programm ta' Riċerka tal-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar u għall-programmi mhux ta' riċerka	7.2	2 247 000		2 247 000
	Artikolu 20 03 14 — Sub-total		2 529 940		2 529 940
20 03 15	***Uffiċċji interistituzzjonali***				
20 03 15 01	L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet	7.2	121 990 000	– 2 150 000	119 840 000
	Riżervi (30 01 01)		*478 776*		*478 776*
			122 468 776	– 2 150 000	120 318 776
20 03 15 02	Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal	7.2	29 082 550	– 1 935 000	27 147 550
	Riżervi (30 01 01)		*10 224*		*10 224*
			29 092 774	– 1 935 000	27 157 774
	Artikolu 20 03 15 — Sub-total		151 072 550	– 4 085 000	146 987 550
	Riżervi (30 01 01)		*489 000*		*489 000*
			151 561 550	– 4 085 000	147 476 550
20 03 16	***Uffiċċji amministrattivi***				
20 03 16 01	Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Ħlas tal-Intitolamenti Individwali	7.2	57 481 964		57 481 964
	Riżervi (30 01 01)		*110 112*		*110 112*
			57 592 076		57 592 076
20 03 16 02	Uffiċċju għall-Infrastruttura u l-Loġistika — Brussell	7.2	101 207 292	– 325 000	100 882 292
20 03 16 03	Uffiċċju għall-Infrastruttura u l-Loġistika — Lussemburgu	7.2	33 089 200		33 089 200
